SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (it-Tielet Awla Estiża)

25 ta' Settembru 2024 * [i]

"Enerġija – Suq intern tal-elettriku – Metodoloġija komuni għall-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali – Ċaħda tal-proposta tal-ġestjonarji tan-network – Reġjun tal-kalkolu tal-kapaċità – Reġjun CORE – Kompatibbiltà mar-Regolament (UE) 2019/942, mar-Regolament (UE) 2019/943 u mar-Regolament (UE) 2017/1485"

Fil-Kawża T-483/21,

Polskie sieci elektroenergetyczne S.A., stabbilita fi Konstancin-Jeziorna (Il-Polonja), irrappreżentata minn S. Goldberg, solicitor, A. Galos u E. White, avukati,

rikorrenti

sostnuta minn

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata minn B. Majczyna u M. Rzotkiewicz, bħala aġenti,

parti intervenjenti

vs

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), irrappreżentata minn P. Martinet, Z. Vujasinovic u E. Tremmel, bħala aġenti, assistiti minn P. Goffinet, M. Shehu u L. Bersou, avukati,

konvenuta

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża),

komposta minn F. Schalin, President, P. Škvařilová-Pelzl, I. Nõmm, G. Steinfatt u D. Kukovec (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tal-14 ta' Ġunju 2023,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Polskie sieci elektroenergetyczne S.A., titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tat-28 ta' Mejju 2021 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") li tikkonferma d-Deċiżjoni Nru 33/2020 tal-ACER, tal-4 ta' Diċembru 2020, dwar il-proposta tal-ġestjonarji tan-network tat-trażmissjoni tal-elettriku (iktar 'il quddiem il-"ĠNT") tar-reġjun li jinkludi l-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja għall-kalkolu tal-kapaċità msejħa "CORE" (iktar 'il quddiem ir-"reġjun CORE"), fir-rigward tal-metodoloġija komuni għall-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija tas-sigurtà (ROSC)"), u li tiċħad l-appell tagħha fil-każ A-007–2021 (konsolidat).

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija l-ĠNT responsabbli għall-ġestjoni, għall-manutenzjoni u għall-iżvilupp tan-network tal-elettriku fil-Polonja. Fir-rigward ta' impriża pubblika, l-uniku azzjonist tar-rikorrenti huwa t-Teżor Pubbliku Pollakk, irrappreżentat mill-Ministru Plenipotenzjarju inkarigat mill-Infrastruttura Strateġika tal-Enerġija.

3 Fis-17 ta' Novembru 2016, l-ACER adottat id-Deċiżjoni Nru 06/2016 dwar id-determinazzjoni tar-reġjuni għall-kalkolu tal-kapaċità. L-Artikolu 1 u l-Anness I ta' din id-deċiżjoni jelenkaw it-territorju tal-Istati Membri inklużi fir-reġjun CORE.

4 Konformement mal-Artikolu 5(1), mal-Artikolu 6(3)(b) u mal-Artikolu 76 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU 2017, L 220, p. 1), il-ĠNT ta' kull reġjun tal-kalkolu tal-kapaċità jipproponu għall-approvazzjoni lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN"), mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-approvazzjoni tal-metodoloġija għall-koordinazzjoni tal-analiżi tas-sigurtà operazzjonali (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija għall-analiżi (CSAM)"), imsemmija fl-Artikolu 75(1) ta' dan ir-regolament, metodoloġija ta' sigurtà (ROSC).

5 Peress li l-metodoloġija għall-analiżi (CSAM) ġiet approvata fid-19 ta' Ġunju 2019 permezz tad-Deċiżjoni Nru 07/2019 tal-ACER, il-ĠNT kienu obbligati jippreżentaw proposta ta' metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) sa mhux iktar tard mid-19 ta' Settembru 2019. Peress li l-ĠNT ma ppreżentawx din il-proposta f'dan it-terminu, huma informaw lill-Kummissjoni Ewropea bid-dewmien tagħhom u din aċċettat li testendi t-terminu sal-21 ta' Diċembru 2019.

6 Fid-19 ta' Diċembru 2019, il-ĠNT tar-reġjun CORE ppreżentaw lill-ARN "metodoloġija komuni tal-ĠNT tar-reġjun CORE għall-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali mfassla konformement mal-Artikolu 76 tar-Regolament 2017/1485" (iktar 'il quddiem il-"proposta tal-ĠNT"). L-aħħar ARN irċeviet il-proposta tal-ĠNT fl-31 ta' Jannar 2020.

7 Il-proposta tal-ĠNT kienet akkumpanjata minn nota ta' spjega.

8 Konformement mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament 2017/1485, l-ARN kellhom jilħqu ftehim u jiddeċiedu dwar il-proposta tal-ĠNT f'terminu ta' sitt xhur minn meta jirċievu din il-proposta mill-aħħar ARN. Jekk l-ARN ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim f'dan it-terminu ta' sitt xhur, jew fuq talba konġunta tagħhom, l-ACER għandha tadotta, skont l-Artikolu 6(8) ta' dan ir-regolament, deċiżjoni dwar l-imsemmija proposta f'terminu ta' sitt xhur, konformement mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2019, L 158, p. 22).

9 Fil-5 ta' Ġunju 2020, il-President tal-Forum tar-Regolaturi tal-Enerġija tar-Reġjun CORE, f'isem l-ARN ta' dan ir-reġjun, informa lill-ACER li dawn tal-aħħar kienu qablu li jitolbuh jiddeċiedi dwar il-proposta tal-ĠNT, skont l-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485. Din it-talba, mibgħuta permezz ta' posta elettronika, kienet akkumpanjata minn dokument informali tal-ARN tar-reġjun CORE dwar il-proposta tal-ĠNT, li jesponi l-opinjoni tagħhom.

10 Wara l-imsemmija talba, l-ACER iddikjarat ruħha kompetenti sabiex tadotta deċiżjoni individwali dwar metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) għar-reġjun CORE, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10)(b) tar-Regolament 2019/942.

11 Wara perijodu twil ta' kooperazzjoni, ta' konsultazzjonijiet u ta' diskussjonijiet bejn l-ACER, l-ARN kollha tar-reġjun CORE u l-ĠNT kollha ta' dan ir-reġjun dwar il-proposta tal-ĠNT u dwar l-emendi magħmula għal din il-proposta matul diversi laqgħat u sessjonijiet ta' votazzjoni, il-Bord tar-Regolaturi tal-ACER, kompost minn rappreżentanti tal-ARN, adotta d-Deċiżjoni Nru 33/2020. L-Anness I ta' din id-deċiżjoni jinkludi l-metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) tar-reġjun CORE, konformement mal-Artikolu 76 tar-Regolament 2017/1485 (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata").

12 Fl-4 ta' Frar 2021, ir-rikorrenti ppreżentat rikors għal annullament quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER kontra d-Deċiżjoni Nru 33/2020, konformement mal-Artikolu 28 tar-Regolament 2019/942. ĠNT ieħor tar-reġjun CORE, jiġifieri TransnetBW GmbH, ippreżenta wkoll rikors kontra din id-deċiżjoni. Fit-18 ta' Frar 2021, il-Bord tal-Appell ikkonsolida ż-żewġ rikorsi f'kawża waħda bin-numru A-007–2021 (ikkonsolidata).

13 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata tat-28 ta' Mejju 2021, il-Bord tal-Appell tal-ACER ikkonferma d-Deċiżjoni Nru 33/2020 u ċaħad fl-intier tagħhom dawn iż-żewġ rikorsi għal annullament ippreżentati kontra din tal-aħħar.

Talbiet tal-partijiet

14 Ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika tal-Polonja, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lil ACER għall-ispejjeż.

15 L-ACER titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu;

– tikkundanna lir-rikorrenti u lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Id-dritt

16 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell, meta qies, essenzjalment, li l-ACER kienet kompetenti sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni u l-portata tal-koordinazzjoni reġjonali. It-tieni motiv huwa bbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell, meta qies li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata kienet konformi mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU 2019, L 158, p. 54), u mal-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU 2019, L 158, p. 125), u dan, minkejja l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' wisq tiegħu. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell, meta ddeċieda li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma taffettwax il-possibbiltà tal-ĠNT li jużaw il-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell, meta qies li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx nieqsa milli tistabbilixxi regoli ekwi fil-qasam tal-iskambju tal-elettriku bejn iż-żoni u milli tistabbilixxi inċentivi xierqa għall-ġestjoni tal-konġestjonijiet u tal-investimenti effikaċi għal azzjonijiet korrettivi marbuta mat-tagħmir. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell, meta kkonkluda li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx tostakola l-osservanza tal-limiti tas-sigurtà operazzjonali, b'mod partikolari tal-limiti tal-voltaġġ u, għalhekk, li din il-metodoloġija kienet konformi mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti.

17 Il-Qorti Ġenerali tqis opportun li l-ewwel nett teżamina, flimkien, l-ewwel u t-tielet motivi, qabel ma sussegwentement teżamina, f'din l-ordni, ir-raba', il-ħames, is-sitt u t-tieni motivi tar-rikorrenti.

Osservazzjonijiet preliminari dwar il-proċess ta' evalwazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali

18 Skont l-Artikolu 3 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, il-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali rregolata mill-imsemmija metodoloġija tinkludi l-analiżi reġjonali tas-sigurtà operazzjonali, minn naħa, u l-proċess ta' evalwazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali (iktar 'il quddiem il-"proċess CROSA"), li huwa r-responsabbiltà taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali (iktar 'il quddiem iċ-"ċentri reġjonali"), konformement mal-Artikolu 78(2)(a) tar-Regolament 2017/1485, li jwassal għat-tħejjija kkoordinata tal-azzjonijiet korrettivi, konformement mal-Artikolu 76(1)(b) tal-imsemmi regolament, min-naħa l-oħra.

19 Qabel ma jsir l-eżami tal-mertu tal-motivi u tal-argumenti mqajma mir-rikorrenti, għandu jiġi ppreżentat il-funzjonament tal-proċess CROSA, sabiex jinftiehem aħjar il-kuntest li fih tidħol din il-proċedura u, għalhekk, sabiex jinftiehmu aħjar il-motivi tekniċi mqajma mir-rikorrenti.

20 Il-proċess CROSA huwa proċess li jseħħ, minn naħa, darba lejliet il-kunsinna tal-elettriku u, min-naħa l-oħra, mill-inqas tliet darbiet fil-jum tal-kunsinna, skont l-Artikolu 3(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

21 L-imsemmi proċess jibda bl-evalwazzjoni lokali tas-sigurtà operazzjonali, imwettqa minn kull ĠNT fin-network tiegħu, konformement mal-Artikolu 13 u mal-Artikolu 14(1) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

22 L-imsemmija evalwazzjoni twassal għall-ħolqien, minn kull ĠNT, ta' mudell ta' network individwali, li huwa ddefinit fil-punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni (ĠU 2015, L 197, p. 24), bħala, b'mod partikolari, "set ta' dejta li jiddeskrivi l-karatteristika ewlenija tas-sistema tal-enerġija (ġenerazzjoni, tagħbija u topoloġija tal-grilja)".

23 Meta, fil-mudell tan-network individwali, fluss fuq rotta jaqbeż il-fluss massimu, dan jikkorrispondi għal konġestjoni fiżika li tikkostitwixxi ksur tas-sigurtà. F'tali sitwazzjoni, huwa neċessarju li tiġi mħejjija u implimentata azzjoni korrettiva, sabiex jiġu rrispettati l-limiti tas-sigurtà operazzjonali.

24 Azzjoni korrettiva hija ddefinita fil-punt 13 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2015/1222 bħala "kwalunkwe miżura applikata minn TSO jew bosta TSOs, b'mod manwali jew awtomatiku, sabiex tinżamm is-sigurtà operazzjonali". Din tirrigwarda b'mod partikolari r-ridispaċċ li huwa ddefinit fil-punt 26 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943 bħala "miżura, inkluż tnaqqis, li hija attivata minn operatur wieħed jew aktar tas-sistema ta' trasmissjoni [ĠNT] […] permezz tal-modifika tal-mudell ta' ġenerazzjoni, tat-tagħbija, jew it-tnejn sabiex jinbidlu l-flussi fiżiċi fis-sistema tal-elettriku u tittaffa konġestjoni fiżika jew li tiġi żgurata s-sigurtà [tas-sistema]", jew l-iskambju kumpensatorju ddefinit fil-punt 27 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament bħala "skambju transżonali mibdi minn operaturi tas-sistema bejn żewġ żoni tal-offerti biex tittaffa l-konġestjoni fiżika".

25 Meta jkun qed iħejji l-mudell tan-network individwali u jidentifika konġestjoni, l-ĠNT jista' diġà jippjana l-attivazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi, qrib il-ħin reali, biex jirrimedja dan il-ksur tas-sigurtà operazzjonali, konformement mal-Artikolu 14(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. Dawn l-azzjonijiet jista' jkollhom jew ma jkollhomx effett transkonfinali.

26 Jirriżulta mill-Artikolu 9(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata li azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali tali li jkunu jistgħu, għallinqas kultant, isolvu konġestjoni abbażi tal-elementi imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tagħha, huma kkostitwiti mill-elementi kritiċi kollha tan-network meħuda inkunsiderazzjoni mill-kalkolu tal-kapaċità ta' skambju bejn żoni, kif jirriżultaw mill-metodoloġiji għall-kalkolu tal-kapaċità, u l-elementi l-oħra kollha tan-network b'voltaġġ superjuri jew ugwali għal 220 kV. Konformement mal-Artikolu 7(3)(d)(i) u (ii) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, kull ĠNT jista' madankollu unilateralment jeskludi ċerti elementi tan-network tal-proċess CROSA. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 5(1)(b) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, il-ĠNT jistgħu wkoll jeskludu kull element ta' network tal-proċess CROSA b'unanimità, bl-eċċezzjoni tal-elementi kritiċi tan-network.

27 Fil-mudell tan-network individwali tiegħu, il-ĠNT għandu jindika wkoll id-disponibbiltà tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali f'konformità mal-Artikolu 13(1) ta' din l-istess metodoloġija.

28 Sussegwentement, skont l-Artikolu 18 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, il-mudelli ta' network individwali għandhom jiġu pprovduti liċ-ċentri reġjonali u magħquda minn dawn tal-aħħar bl-għan li jinħoloq mudell ta' network komuni għas-sigħat kollha tal-ġurnata. Il-mudell tan-network komuni huwa ddefinit fit-tieni paragrafu tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2015/1222 bħala li huwa, b'mod partikolari, "sett ta' dejta tal-Unjoni kollha miftiehem bejn TSOs differenti li jiddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tas-sistema tal-enerġija (ġenerazzjoni, tagħbija u topoloġija tal-grilja)".

29 Fil-fatt, anki jekk kull ĠNT jipprovdi mudell ta' network individwali mingħajr konġestjoni, minħabba l-azzjonijiet korrettivi ppjanati, il-flussi fuq l-elementi tan-network jistgħu jinbidlu fil-mument tal-fużjoni tad-diversi mudelli fil-mudell ta' network komuni u konġestjonijiet ġodda jistgħu jidhru.

30 Konsegwentement, il-proċess CROSA għandu l-għan li jikkoordina, jivvalida u jimplimenta l-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali skont l-Artikolu 3(2)(b) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. B'mod iktar preċiż, l-algoritmu fi ħdan il-proċess CROSA, imsejjaħ "ottimizzazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi", għandu jidentifika, għal kull siegħa fil-mudell tan-network komuni, taħlita ottimali tal-azzjonijiet korrettivi kollha disponibbli tal-ĠNT, li għandhom effett transkonfinali, sabiex jiġu solvuti l-konġestjonijiet kollha identifikati fuq l-elementi tan-network li għandhom effett transkonfinali fil-mudell tan-network komuni, u dan mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda, skont l-Artikoli 20, 23, 24 kif ukoll l-Artikolu 27(1) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

31 Dawn l-azzjonijiet korrettivi se jiġu implimentati matul il-ġurnata ta' wara, kemm jista' jkun qrib il-ħin reali, skont l-Artikolu 31(1) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

32 L-istess loġika tapplika għall-proċess CROSA magħruf bħala "tal-istess ġurnata" u li jseħħ fil-jum tal-kunsinna tal-elettriku. Iċ-ċentri reġjonali għandhom jiżviluppaw, mill-inqas tliet darbiet matul il-ġurnata, azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali kkoordinat, liema azzjonijiet huma maħsuba għal ĠNT.

33 Madankollu, jekk ĠNT jidentifika ksur ġdid tas-sigurtà operazzjonali bejn żewġ iterazzjonijiet tal-proċess CROSA, jew wara l-aħħar iterazzjoni tal-proċess CROSA, meta jwettaq l-analiżi tas-sigurtà operazzjonali lokali, huwa jista' jsolvi l-imsemmi ksur skont il-proċedura ta' attivazzjoni mgħaġġla, barra mill-proċess CROSA, skont l-Artikolu 33(2)(b) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

Fuq l-ewwel u t-tielet motiv, dwar il-kompetenza tal-ACER u l-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata

34 Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika tal-Polonja, qabelxejn, issostni li l-ACER ma kinitx kompetenti sabiex tagħżel li ma timxix mal-proposta tal-ĠNT dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata u sabiex tespandih. Sussegwentement, hija ssostni li l-kompetenzi tal-ACER ma humiex "iddefiniti b'mod preċiż" konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba li l-Bord tal-Appell enfasizza, fil-punt 484 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kompetenzi tal-ACER huma limitati biss mill-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà, fis-sens tal-Artikoli 4 u 5 TUE. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tiċċita diversi eżempji misluta mid-deċiżjoni kkontestata li juru li l-Bord tal-Appell aċċetta, u saħansitra faħħar, li l-ACER titbiegħed mill-kompetenzi tagħha, minkejja li hija ma kellha ebda bażi legali sabiex tagħmel dan.

35 Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika tal-Polonja, issostni li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta qies li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata u, b'mod partikolari, id-definizzjoni tagħha tal-elementi tan-network u tal-azzjonijiet korrettivi kienu josservaw l-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943 u l-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944. Skont ir-rikorrenti, l-imsemmija metodoloġija tikklassifika prattikament l-elementi kollha tan-network tagħha u l-azzjonijiet korrettivi kollha bħala li għandhom effett transkonfinali, fatt li jċaħħad lill-ĠNT mill-kapaċità tagħhom li jiġġestixxu l-flussi tal-elettriku fuq in-networks tagħhom u li jimplimentaw l-obbligi imposti fuqhom, u b'hekk jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jiżguraw is-sigurtà operazzjonali. Billi pproċediet b'dan il-mod, il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tinjora d-distinzjoni bejn il-preġudizzji għas-sigurtà operazzjonali li "jeħtieġu" ġestjoni kkoordinata u dawk li ma "jeħtiġuhiex" li jirriżultaw mill-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament 2017/1485 u tikser l-Artikolu 76(2) tal-imsemmi regolament, li minnu tirriżulta din id-distinzjoni.

36 Fir-replika, ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 16 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM), li jipprevedi li, waqt it-tħejjija tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC), il-ĠNT għandhom jistabbilixxu "regoli li jiddefinixxu proċess ta' stabbiliment ta' lista komuni ta' azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali u ta' stabbiliment tal-ĠNT affettwati mill-impatt ta' dawn l-azzjonijiet korrettivi, skont l-Artikolu 15" tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM). Issa, fil-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, l-ACER introduċiet preżunzjoni ta' effett transkonfinali li tista' tiġi kkonfutata biss mill-ĠNT b'unanimità.

37 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti kif ukoll dawk tar-Repubblika tal-Polonja, u titlob li dawn il-motivi jiġu miċħuda.

38 F'dan il-kuntest, l-ACER tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel u tat-tielet motiv. Fir-rigward tal-ewwel motiv, l-ACER issostni, minn naħa, li ma huwiex ċar u preċiż biżżejjed fis-sens tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fatt li jipprekludiha milli tipprovdi risposta utli u, min-naħa l-oħra, li dan jikkostitwixxi motiv ġdid, mhux invokat quddiem il-Bord tal-Appell. Fir-rigward tat-tielet motiv, dan huwa bbażat, minn naħa, fuq argumenti diġà fformulati b'mod identiku quddiem il-Bord tal-Appell u, min-naħa l-oħra, fuq argument ġdid, ibbażat fuq l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/1485.

Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel u t-tielet motiv

39 Fir-rigward tan-natura insuffiċjentement ċara u preċiża fis-sens tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-ewwel motiv, jirriżulta b'mod partikolari mir-risposta tagħha li l-ACER fehmet l-ilmenti kollha fformulati mir-rikorrenti f'dan il-kuntest u li hija wieġbet b'mod utli, u b'hekk ippermettiet lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha, bil-konsegwenza li din l-allegazzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

40 Fir-rigward tan-natura ġdida ta' dan l-ewwel motiv, huwa minnu li l-kompetenza tal-ACER sabiex tadotta deċiżjoni li ma timxix mal-proposta tal-ĠNT dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma tidhirx li ġiet espressament ikkontestata mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell, b'tali mod li dan il-motiv għandu jiġi ddikjarat inammissibbli. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 29 tar-Regolament 2019/942, ir-rikorsi għal annullament ta' deċiżjoni meħuda mill-ACER skont l-imsemmi regolament jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss wara l-eżawriment tal-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell imsemmija fl-Artikolu 28 ta' dan l-istess regolament, li

jimplika, bħala prinċipju, li motivi mhux ippreżentati quddiem l-imsemmi bord ma jistgħux jitressqu għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' rikors għal annullament. Fil-fatt, peress li dan tal-aħħar jirrigwarda esklużivament id-deċiżjoni ta' dan il-Bord tal-Appell, għandu jsir fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwim kif kien tressaq quddiem tali Bord tal-Appell (sentenza tas-16 ta' Marzu 2022, MEKH u FGSZ vs ACER, T-684/19 u T-704/19, EU:T:2022:138, punt 48). Fi kwalunkwe każ, għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, dan l-ewwel motiv huwa infondat u għalhekk għandu jiġi miċħud.

41 Fir-rigward tal-argumenti, imressqa insostenn tat-tielet motiv, li diġà ġew invokati b'mod identiku mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell, għandu jitqies li r-rikorrenti tista' tikkontesta, quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-raġunament segwit mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata u, b'mod iktar partikolari, tipprova turi li dan ir-raġunament huwa vvizzjat bi żbalji ta' liġi, billi tibbaża ruħha, jekk hija tqis li huwa neċessarju, fuq ilmenti diġà invokati quddiem dan il-bord, iżda miċħuda minnu. Fil-każ kuntrarju, il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tkun imċaħħda minn parti mis-sens tagħha. F'dan il-każ, fil-punt 566 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ikkonkluda l-analiżi tiegħu tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata billi qies li dan kien konformi mal-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943, mal-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944 u mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/1485. Minn dan jirriżulta li l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw din il-konklużjoni, li wasal għaliha l-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, huma ammissibbli.

42 Fir-rigward tan-natura allegatament ġdida tal-argument ibbażat fuq l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/1485, invokat mir-rikorrenti insostenn tat-tielet motiv, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti 552 sa 566 tad-deċiżjoni kkontestata, meta eżamina l-kunċett ta' "azzjoni korrettiva b'effett transkonfinali", il-Bord tal-Appell ibbaża, b'mod partikolari, r-raġunament tiegħu fuq din id-dispożizzjoni. Minn dan isegwi li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-ACER, dan l-argument ma jistax jiġi kklassifikat bħala ġdid u li, għaldaqstant, huwa ammissibbli.

Fuq il-fondatezza tal-ewwel motiv

43 Fir-rigward tal-fondatezza tal-ewwel motiv, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u l-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485 jawtorizzaw lill-ACER li, fi żmien sitt xhur, tiddeċiedi jew tadotta deċiżjonijiet individwali dwar kwistjonijiet jew problemi regolatorji li jkollhom effetti fuq l-iskambju transkonfinali jew is-sigurtà tan-networks transkonfinali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-ARN, bħall-adozzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, jekk l-ARN kompetenti ma jkunux waslu għal qbil fit-terminu mogħti lilhom sabiex jagħmlu dan jew jekk l-ARN kompetenti kienu għamlulha talba konġunta f'dan ir-rigward.

44 F'dan il-każ, huwa paċifiku li, permezz ta' posta elettronika tal-5 ta' Ġunju 2020, l-ARN tar-reġjun CORE, permezz tal-President tal-Forum tar-Regolaturi tal-Enerġija tal-imsemmi reġjun, talbu b'mod konġunt lill-ACER, skont l-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485, tiddeċiedi dwar il-proposta tal-ĠNT.

45 Għalhekk, il-kompetenza tal-ACER sabiex tiddeċiedi jew tadotta deċiżjoni definittiva dwar il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata kienet ibbażata, f'dan il-każ, fuq il-fatt, imsemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u fl-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485, li l-ARN kollha kienu talbuha b'mod konġunt li tiddeċiedi dwar din il-metodoloġija.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fid-dawl b'mod partikolari tal-kliem tal-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942, iżda wkoll tal-kuntest u tal-għanijiet imfittxija minn din il-leġiżlazzjoni, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 39 sa 61 tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar 2023, Austrian Power Grid *et* vs ACER (T-606/20, taħt appell, EU:T:2023:64), iddeċidiet li l-ACER ma kinitx marbuta mill-pożizzjoni meħuda mill-ARN kompetenti u li hija setgħet, fid-dawl tas-setgħat ta' deċiżjoni mogħtija lilha u bl-għan li twettaq il-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effikaċi, temenda l-proposti tal-ĠNT qabel l-approvazzjoni tagħhom. Fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu, l-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485, li jaqa' fl-istess kuntest bħal dak tar-Regolament 2019/942 u li jsegwi għanijiet analogi għal dawk ta' dak l-istess regolament, għandu jiġi interpretat fl-istess sens, peress li jawtorizza lill-ACER tiddeċiedi hija stess dwar il-proposti sottomessi lilha mill-ARN, bħalma huwa l-każ f'dan il-każ dwar il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

47 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-kompetenzi tal-ACER f'dan ir-rigward huma ddefiniti b'mod preċiż mill-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u mill-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485, li jippermettu li jiġi miċħud l-ilment tar-rikorrenti li jallega l-kuntrarju.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta wkoll li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, l-ACER kienet kompetenti, abbażi tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u tal-Artikolu 6(8) tar-Regolament 2017/1485, sabiex tagħżel li ma timxix mal-proposta tal-ĠNT dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata u kellha bażi legali sabiex tagħmel dan.

Fuq il-fondatezza tat-tielet motiv

49 Fir-rigward tal-fondatezza tat-tielet motiv, għandu jiġi kkonstatat li mill-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943 jirriżulta li l-ĠNT huma inkarigati mill-ġestjoni tal-flussi tal-elettriku u mill-garanzija ta' sistema elettrika sigura, affidabbli u effikaċi, konformement mal-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944, filwaqt li ċ-ċentri reġjonali għandhom jikkompletaw ir-rwol tal-ĠNT billi jwettqu kompiti ta' dimensjoni reġjonali assenjati lilhom, konformement mal-Artikolu 37 tar-Regolament 2019/943.

50 L-Artikolu 37(1)(b) tar-Regolament 2019/943 jipprevedi li ċ-ċentri reġjonali għandhom ikunu responsabbli għat-twettiq tal-proċess CROSA konformement mal-metodi żviluppati skont ir-Regolament 2017/1485. Fil-kuntest ta' din il-kompetenza, huma jfasslu azzjonijiet ikkoordinati maħsuba għall-ĠNT, li dawn tal-aħħar jimplimentaw, ħlief meta tali implimentazzjoni twassal għal ksur tal-limiti ta' sigurtà operazzjonali ddefiniti minn kull ĠNT, konformement mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2019/943.

51 Issa, skont ir-rikorrenti, l-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament 2017/1485 jillimita l-koordinazzjoni miċ-ċentri reġjonali biss għall-ġestjoni tal-preġudizzji għas-sigurtà operazzjonali li "jeħtieġu" ġestjoni kkoordinata, filwaqt li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tinkludi wkoll preġudizzji li ma "jeħtieġux" tali ġestjoni.

52 Qabelxejn, għandu jiġi osservat li, għad-definizzjoni ta' preġudizzji għas-sigurtà operazzjonali li jeħtieġu ġestjoni kkoordinata, l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/1485 ma jiddeterminax, b'mod awtonomu l-preġudizzji għas-sigurtà operazzjonali li jeħtieġu ġestjoni kkoordinata u dawk li ma jeħtiġux ġestjoni kkoordinata, iżda jirreferi, f'dan ir-rigward, għall-Artikolu 76 tar-Regolament 2017/1485 u għall-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) adottata abbażi tal-imsemmi

artikolu. Barra minn hekk, ir-rikorrenti stess issostni li l-kriterju legali rilevanti sabiex jiġu ddefiniti l-azzjonijiet korrettivi li "jeħtieġu" ġestjoni kkoordinata huwa dak imsemmi fl-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485.

53 Minn dan jirriżulta li sabiex tiġi eżaminata l-fondatezza tat-tielet motiv, għandu, qabel kollox, jiġi vverifikat jekk il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata hijiex ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485, qabel, sussegwentement, ma jiġi eżaminat l-ilment ibbażat fuq ksur tal-kompetenzi tal-ĠNT li jirriżultaw mill-Artikolu 35 tar-Regolament 2019/943 u mill-Artikolu 40 tad-Direttiva 2019/944 u, fl-aħħar nett, l-ilment invokat mir-rikorrenti fir-replika tagħha, ibbażat fuq applikazzjoni allegatament żbaljata tal-Artikolu 16 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM).

- Fuq l-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485

54 L-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485 jipprevdi li, sabiex jiġi stabbilit jekk konġestjoni hijiex marbuta ma' skambji transkonfinali, l-ĠNT għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-konġestjoni li tirriżulta fl-assenza ta' skambji tal-enerġija bejn iż-żoni ta' kontroll.

55 Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-elementi kollha tan-network b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV jista' jkollhom effett transkonfinali. In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jirrigwarda biss il-kwistjoni dwar liema konġestjonijiet preċiżi, fuq elementi bħal dawn, għandhom jiġu ġestiti b'mod ikkoordinat mill-proċess CROSA, konformement mal-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485.

56 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell, f'dan ir-rigward, ikkonferma l-pożizzjoni tal-ACER li, skont l-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485, il-konġestjonijiet kollha fuq l-elementi tan-network b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV, indipendentement mill-oriġini tagħhom, kellhom jiġu ġestiti b'mod ikkoordinat mill-proċess CROSA, li kien jinkludi kemm il-konġestjonijiet ikkawżati mill-iskambju transkonfinali previst, jiġifieri l-flussi allokati, kif ukoll dawk ikkawżati mill-flussi mhux previsti, jiġifieri l-flussi ċirkolari u dawk li jirriżultaw mill-attivazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi intiżi sabiex itaffu konġestjoni oħra kkawżata mill-flussi allokati.

57 Ir-rikorrenti tikkontesta din l-interpretazzjoni billi ssostni li, skont interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485, huma biss il-konġestjonijiet ikkawżati mill-iskambji transkonfinali previsti, jiġifieri l-flussi allokati, li għandhom jiġu ġestiti b'mod ikkoordinat. Għalhekk, meta ma jkunx hemm skambju transkonfinali previst, konġestjoni li tintervjeni fuq in-network ikkontrollat minn ĠNT tkun ġestita aħjar minnu milli permezz tal-proċess CROSA. Konsegwentement, skont ir-rikorrenti, il-konġestjonijiet kollha fuq l-istess element ta' network ta' voltaġġ ogħla minn 220 kV ma għandhomx dejjem ikunu ġestiti b'mod ikkoordinat.

58 F'dan ir-rigward, għandu, fl-ewwel lok, jiġi stabbilit il-kriterju legali rilevanti għall-istabbiliment tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) u, fit-tieni lok, li jiġi vverifikat jekk il-Bord tal-Appell applikax b'mod korrett dan il-kriterju fl-imsemmija metodoloġija.

59 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485 jirriżulta li, "[h]uma u jistabbilixxu jekk il-konġestjoni għandhiex rilevanza transfruntiera, it-TSOs għandhom iqisu l-konġestjoni li tirriżulta li kieku ma jkunx hemm skambji tal-enerġija bejn iż-żoni ta' kontroll".

60 Fil-livell letterali, din id-dispożizzjoni ma tipprovdi l-ebda element li jippermetti li jiġu identifikati l-azzjonijiet korrettivi li jeħtieġu ġestjoni koordinata jew li jiġi ddefinit b'mod preċiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. Minn dan isegwi li l-interpretazzjoni letterali mwettqa mir-rikorrenti ma tistax tiġi aċċettata, peress li ma huwiex possibbli li l-imsemmija dispożizzjoni tiġi interpretata indipendentement mill-kuntest regolamentari tagħha.

61 Fuq il-livell kuntestwali, l-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-imsemmi artikolu, meħud fl-intier tiegħu, u tad-dispożizzjonijiet li għalihom jirreferi direttament jew indirettament, jiġifieri, b'mod partikolari, l-Artikolu 76(1)(b)(iii) tar-Regolament 2017/1485 u l-Artikolu 35 tar-Regolament 2015/1222, li għalih jirreferi l-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485.

62 Fir-rigward, l-ewwel, tal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485, għandu jiġi rrilevat li mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) għandha tipprevedi t-tħejjija tal-azzjonijiet korrettivi ġestiti b'mod ikkoordinat, iżda bl-ebda mod ma jirriżulta minn din id-dispożizzjoni li għandha ssir distinzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija metodoloġija, skont l-oriġini tal-ksur ta' sigurtà, bħal konġestjonijiet, li jeħtieġu azzjonijiet korrettivi kkoordinati.

63 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li t-test tal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485 jipprevedi, essenzjalment, li l-koordinazzjoni tat-tħejjija tal-azzjonijiet korrettivi tkun iġġustifikata "[fid-dawl ta]r-rilevanza transfruntiera tagħhom" iddeterminata konformement mal-Artikolu 35 tar-Regolament 2015/1222, minn naħa, u "[b'kont meħud ta]r-rekwiżiti mogħtija fl-Artikoli 20 sa 23 [tar-Regolament 2017/1485]", min-naħa l-oħra, li jikkonferma l-qari tal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485 imwettaq fil-punt 62 iktar 'il fuq.

64 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat ukoll li l-Artikolu 35(4) tar-Regolament 2015/1222 jipprovdi li r-ridispaċċ u l-iskambji kumpensatorji li għandhom effett transkonfinali għandhom jiġu kkoordinati. Peress li l-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485 jipprevedi l-koordinazzjoni tat-tħejjija mhux biss tar-ridispaċċ u tal-iskambji kumpensatorji, iżda wkoll ta' azzjonijiet korrettivi oħra li ma jiswewx ħafna flus, dan il-kriterju tal-effett transkonfinali japplika wkoll għal dawn l-azzjonijiet korrettivi, minħabba r-riferiment espliċitu li jinsab f'din id-dispożizzjoni.

65 Barra minn hekk, l-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2015/1222 jipprevedi li l-ĠNT ta' kull reġjun jistgħu jtaffu konkretament il-konġestjoni fiżika fiż-żona ta' kontroll tagħhom, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-kawżi ta' din il-konġestjoni jinsabux prinċipalment barra miż-żona ta' kontroll tagħhom jew le.

66 Il-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-azzjonijiet korrettivi peress li għandhom effett transkonfinali tirriżulta wkoll mit-tielet sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament 2019/943, li tipprevedi li, "[m]eta jieħu miżuri operazzjonali biex jiżgura li s-sistemi ta' trażmissjoni tiegħu jibqgħu fi stat normali, l-[ĠNT] għandu jqis l-effett ta' dawk il-miżuri fuq iż-żoni ġirien ta' kontroll u jikkoordina dawk il-miżuri ma' [ĠNT] oħra affettwati tas-sistema ta' trażmissjoni kif previst fir-Regolament […] 2015/1222".

67 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata wkoll mill-kontenut tal-Artikoli 20 sa 23 tar-Regolament 2017/1485, li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) għandha tieħu inkunsiderazzjoni konformement mal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485.

68 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament 2017/1485 jirriżulta b'mod partikolari li, waqt il-preparazzjoni u l-attivazzjoni ta' azzjoni korrettiva, inkluż ir-ridispaċċ jew l-iskambju kumpensatorju skont l-Artikoli 25 u 35 tar-Regolament 2015/1222, il-ĠNT kompetenti għandu jevalwa, b'koordinazzjoni mal-ĠNT ikkonċernati, l-impatt ta' din l-azzjoni korrettiva ġewwa u barra ż-żona ta' kontroll tiegħu.

69 Mill-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta wkoll li din l-evalwazzjoni tal-impatt ta' azzjoni korrettiva titwettaq konformement, qabelxejn, mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament 2017/1485, li jipprevedi l-adozzjoni tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM), sussegwentement, mal-Artikolu 76(1)(b) ta' dan ir-regolament, li jipprevedi l-adozzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) u, fl-aħħar nett, mal-Artikolu 78(1), (2) u (4) tar-Regolament 2017/1485, li jirregolaw il-kooperazzjoni bejn il-ĠNT u ċ-ċentri reġjonali.

70 Għaldaqstant, il-qari flimkien tal-Artikolu 35 tar-Regolament 2015/1222, minn naħa, u tal-Artikoli 20 sa 23 tar-Regolament 2017/1485, min-naħa l-oħra, juri li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ma għandhiex tipprevedi l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi skont l-oriġini tal-konġestjoni li dawn l-azzjonijiet huma intiżi li jtaffu, iżda skont l-effett transkonfinali li dawn il-miżuri jista' jkollhom.

71 It-tieni nett, fir-rigward tal-Artikolu 76(1)(b)(iii) tar-Regolament 2017/1485, dan jipprevedi li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) tiddetermina l-azzjonijiet korrettivi l-iktar effikaċi u li jippreżentaw l-aħjar bilanċ bejn l-ispiża u l-effikaċja, fil-każ ta' preġudizzji għas-sigurtà operazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament 2017/1485, li jiddeskrivi l-kategoriji differenti ta' azzjonijiet korrettivi.

72 Minn dan jirriżulta li wieħed mill-għanijiet tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) huwa li jinstabu l-aħjar azzjonijiet korrettivi għan-network kollu ta' kull reġjun ta' kalkolu tal-kapaċità. Konsegwentement, fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija metodoloġija, l-ACER kellha tipprevedi l-identifikazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi li setgħu jiġu ġestiti aħjar b'mod ikkoordinat mill-proċess CROSA, fid-dawl tal-effett transkonfinali tagħhom.

73 Fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-kriterju legali msemmi fl-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485 jipprevedi l-identifikazzjoni tal-elementi kollha tan-network li fuqhom, qabelxejn, il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi hija neċessarja minħabba l-effett transkonfinali tagħhom, sussegwentement, il-koordinazzjoni għandha tippermetti li titħaffef konkretament konġestjoni fiżika indipendentement mill-oriġini ta' din il-konġestjoni u, fl-aħħar nett, il-koordinazzjoni reġjonali għandha tippermetti li tinstab l-aħjar soluzzjoni.

74 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485 għandu jiġi interpretat bħala li jidentifika l-elementi tan-network li fuqhom iseħħu, bħala prinċipju, il-"konġestjonijiet marbuta mal-iskambji transkonfinali", li għandhom jiġu ġestiti minn azzjonijiet korrettivi li għandhom huma stess jitqiesu li għandhom effett transkonfinali.

75 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Bord tal-Appell applikax b'mod korrett dan il-kriterju billi kkunsidra li l-azzjonijiet korrettivi kollha attivati li jistgħu, tal-inqas kultant, ikunu f'pożizzjoni li jirrimedjaw ksur tal-limiti tal-kurrent fuq l-elementi tan-network ta' voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV kellhom jiġu ġestiti b'mod ikkoordinat mill-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC).

76 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-determinazzjoni tal-elementi tan-network li għandhom effett transkonfinali tirreferi għad-definizzjoni stabbilita mill-metodoloġija għall-analiżi (CSAM), adottata abbażi tal-Artikolu 75 tar-Regolament 2017/1485. Fil-fatt, it-tieni sentenza tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament 2017/1485 tipprevedi li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) għandha tosserva l-metodoloġija għall-analiżi (CSAM), li tipprevedi ċerti elementi għall-adozzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC).

77 Issa, l-Artikolu 15(1) tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM) jipprevedi li l-elementi kritiċi kollha tan-network u l-elementi kollha tan-network b'voltaġġ ogħla minn livell stabbilit mill-ĠNT għandhom jiġu kklassifikati bħala elementi tan-network li għandhom effett transkonfinali, bl-eċċezzjoni tal-elementi tan-network li għalihom il-ĠNT jaqblu, b'mod unanimu, li ma għandhomx effett transkonfinali.

78 Huwa b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li l-ĠNT qiesu, fil-paġna 8 tan-nota ta' spjega tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) (ara punt 7 iktar 'il fuq), li l-elementi tan-network l-iktar rilevanti għal proċess CROSA huma dawk b'voltaġġ ta' 220 kV u 380 kV, "peress li dawn l-elementi [ġew] użati biex jiffaċilitaw l-iskambji ta' enerġija bejn żoni ta' offerti fis-sistema Ewropea tal-enerġija". Min-naħa l-oħra, il-ĠNT ma qisux li l-azzjonijiet korrettivi kollha attivati fuq dawn l-elementi għandhom jiġu ġestiti b'mod ikkoordinat mill-proċess CROSA.

79 Issa, billi identifikat l-azzjonijiet korrettivi li kienu jeħtieġu ġestjoni kkoordinata, l-ACER qieset, kif jirriżulta mill-premessa 12 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, li, minħabba l-fatt li n-network interkonness tar-reġjun CORE kien interkoness ħafna, ġeneralment ma kienx possibbli li jiġi identifikat element ta' network li kien affettwat biss minn azzjonijiet korrettivi li ma kellhom ebda effett fuq elementi oħra tan-network li għandhom effett transkonfinali, b'tali mod li l-azzjonijiet korrettivi kollha li kienu, għall-inqas xi drabi, f'pożizzjoni li jtaffu konġestjoni fuq l-elementi tan-network ta' voltaġġ ta' 220 kV jew iktar kellhom jitqiesu li għandhom effett transkonfinali u, konsegwentement, l-azzjonijiet korrettivi attivati fuq dawn l-elementi kellhom jiġu kkoordinati mill-proċess CROSA.

80 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet qiegħda topponi b'mod iktar preċiż il-koordinazzjoni mill-proċess CROSA tal-azzjonijiet korrettivi li l-impatt fiżiku tagħhom fuq l-imsemmija elementi ta' network kien jippreżenta "fattur ta' influwenza", jiġifieri diskrepanza fil-fluss fuq element ta' network b'effett transkonfinali b'kontinġenza li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' azzjoni korrettiva standardizzata bit-tagħbija permanenti ammissibbli fuq l-element ta' network li għandu effett transkonfinali assoċjat ("a flow deviation on a XNEC resulting from the application of a remedial action, normaalised by the permanent accessible loading (PAL) on the associated XNE") ta' inqas minn 5 %. Madankollu, l-ACER spjegat, mingħajr ma ġiet kontradetta fuq dan il-punt, li, minħabba n-network interkonness ħafna tar-reġjun CORE, ma kienx possibbli li jiġi stabbilit, *ex ante*, jekk azzjoni korrettiva taqbiżx l-imsemmi limitu jew le, peress li l-impatt konkret tagħha, f'mument partikolari, kien jiddependi fuq azzjonijiet korrettivi oħra attivati fin-network u mill-flussi fuq l-elementi tan-network.

81 Għalhekk, billi bbaża ruħu fuq din l-evalwazzjoni teknika, qabelxejn, il-Bord tal-Appell qies b'mod korrett, fid-dawl tal-kriterju legali applikabbli, li l-azzjonijiet korrettivi kollha li kienu, tal-inqas kultant, f'pożizzjoni li jtaffu konġestjoni fuq l-elementi tan-network b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV kellhom jiġu kkoordinati mill-proċess CROSA. Sussegwentement, hija kkonfermat b'mod korrett il-pożizzjoni tal-ACER skont liema l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) għandha tippjana li tikkoordina, permezz tal-proċess CROSA, l-azzjonijiet korrettivi sabiex ittaffi konġestjoni fiżika, indipendentement mill-oriġni tagħha, fuq l-elementi kollha tan-network

b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV. Fl-aħħar nett, huwa mingħajr ma wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Bord tal-Appell ikkonferma li l-aħjar soluzzjoni għan-network interkonness kollu tar-reġjun CORE ma tistax tinstab ħlief fost l-azzjonijiet korrettivi kollha fuq l-elementi ta' network b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV.

82 Għaldaqstant, huwa mingħajr ma wettaq żball ta' liġi, u lanqas żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Bord tal-Appell qies li l-konġestjonijiet kollha fuq l-elementi tan-network b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV kellhom jiġu ġestiti b'mod ikkoordinat mill-proċess CROSA, skont il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC).

83 Konsegwentement, l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq ksur tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament 2017/1485 għandu jiġi miċħud.

- Fuq il-ksur tal-kompetenzi tal-ĠNT li jirriżulta mill-Artikolu 35 tar-Regolament 2019/943 u mill-Artikolu 40 tad-Direttiva 2019/944

84 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti, li d-definizzjoni tal-elementi tan-network u tal-azzjonijiet korrettivi riprodotta fil-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma tosservax l-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943 u l-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944, għandu jitfakkar li mill-analiżi mwettqa fil-punti 52 sa 82 iktar 'il fuq jirriżulta li l-ACER applikat b'mod korrett il-kriterju legali rilevanti u ma inkludietx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata azzjonijiet korrettivi li ma "kinux jeħtieġu" ġestjoni kkoordinata mill-proċess CROSA.

85 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti u kif ikkonstata ġustament il-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tosserva l-kompetenzi tal-ĠNT fil-qasam ta' sigurtà operazzjonali tan-networks tagħhom, kif stabbiliti fl-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943 u fl-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944.

86 Barra minn hekk, l-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, l-elementi kollha tan-network u l-azzjonijiet korrettivi kollha li hija għandha ma humiex inklużi, awtomatikament, fil-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. Minn naħa, l-elementi tan-network b'voltaġġ inqas minn 220 kV ma ġewx inklużi, konformement mal-Artikolu 5(1)(b) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. Barra minn hekk, jibqa' possibbli, għall-ĠNT, li jeskludu, kemm b'mod unilaterali, kif ukoll b'unanimità, ċerti elementi tan-network mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija metodoloġija, kif elenkati fl-Artikolu 7(3)(d)(i), (ii) u (iii) ta' din tal-aħħar. Min-naħa l-oħra, il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma tinkludix ċerti kategoriji ta' azzjonijiet korrettivi msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament 2017/1485, konformement mal-Artikolu 8(2) ta' din il-metodoloġija. Barra minn hekk, huwa possibbli għall-ĠNT li jeskludu b'mod unanimu ċerti azzjonijiet korrettivi li ma għandhomx effett transkonfinali, skont l-Artikolu 9(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

87 Ulterjorment, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma pproduċiet ebda prova li tippermetti li jiġi konkluż li hija ma għandha ebda azzjoni korrettiva sabiex tiżgura s-sigurtà operazzjonali tan-network tagħha.

88 It-tieni nett, għandu jiġi osservat li l-ĠNT jibqgħu l-uniċi responsabbli għall-attivazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali sabiex jiżguraw is-sigurtà operazzjonali tan-networks tagħhom.

89 Fil-fatt, fil-każ li azzjoni korrettiva rrakkomandata tista' twassal għal preġudizzju għas-sigurtà operazzjonali tan-network ta' ĠNT, dan tal-aħħar jista' jiċħad l-imsemmija azzjoni fil-fażi ta' koordinazzjoni matul kull iterazzjoni tal-proċess CROSA, konformement mal-Artikolu 27 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata kif ukoll mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2019/943.

90 Bl-istess mod, meta jseħħ ksur tas-sigurtà operazzjonali li ma jkunx ġie previst mill-proċess CROSA, il-ĠNT kkonċernat jista' juża l-proċedura mgħaġġla sabiex jattiva, mingħajr l-intervent taċ-ċentru reġjonali u f'koordinazzjoni mill-qrib mall-ĠNT affettwati, azzjoni korrettiva b'effett transkonfinali sabiex tiġi żgurata s-sigurtà operazzjonali tan-network tiegħu, konformement mal-Artikolu 33 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. Konsegwentement, xejn ma jippermetti li jiġi preżunt li l-koordinazzjoni reġjonali toħloq riskju għas-sigurtà operazzjonali.

91 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li għandu jiġi miċħud l-ilment tar-rikorrenti li huwa impossibbli għaliha li tiżgura s-sigurtà operazzjonali tan-network tagħha u, minħabba f'hekk, li teżerċita l-kompetenzi mogħtija lilha mill-Artikolu 35 tar-Regolament 2019/943 u mill-Artikolu 40 tad-Direttiva 2019/944.

92 Għal dawn l-istess raġunijiet, għandu jiġi miċħud ukoll l-ilment tar-Repubblika tal-Polonja li huwa impossibbli għar-rikorrenti li tiżgura s-sigurtà tal-enerġija tal-imsemmi Stat Membru, minħabba li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tillimita l-katalogu ta' azzjonijiet korrettivi għad-dispożizzjoni tal-ĠNT u li r-rikorrenti titlef għodod importanti sabiex teżerċita l-kompetenzi tagħha, kuntrarjament għall-prinċipju ta' solidarjetà, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Ġermanja vs Il-Polonja (C-848/19 P, EU:C:2021:598).

93 Għaldaqstant, l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq ksur tal-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943 u tal-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944 għandu jiġi miċħud.

- Fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 16 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM)

94 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 16 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM).

95 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, skont l-Artikolu 76(1) tar-Regolament 2017/1485, il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) għandha effettivament tkun koerenti mal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM), adottata abbażi tal-Artikolu 75 tar-Regolament 2017/1485.

96 Skont il-premessa 3 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM), din tal-aħħar tinkludi, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet għall-istabbiliment tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom jiġu kkoordinati bejn il-ĠNT u sabiex tiġi ffaċilitata koordinazzjoni reġjonali effikaċi tal-azzjonijiet korrettivi, konformement mal-metodoloġija reġjonali li għandha tiġi adottata mill-ĠNT abbażi tal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485.

97 Barra minn hekk, l-Artikolu 15(3) tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM) jipprevedi li, fil-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC), il-ĠNT għandhom jadottaw regoli ta' proċedura biex jistabbilixxu l-effett transkonfinali ta' azzjoni korrettiva li għandha tkun ibbażata fuq approċċi kwalitattivi jew kwantitattivi, li huma deskritti fl-Artikolu 15(4) sa (6) tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM).

98 Fil-proposta tagħhom, il-ĠNT ipprevedew tali proċeduri għall-evalwazzjoni tal-effett transkonfinali tal-azzjonijiet korrettivi potenzjali tagħhom, li għandhom jiġu stabbiliti mill-ĠNT b'unanimità għal kull azzjoni korrettiva individwali. Fid-dokument informali tagħhom, l-ARN tar-reġjun CORE qablu wkoll dwar approċċ kwalitattiv u kwantitattiv, iżda rrikonoxxew ukoll il-ħtieġa ta' kjarifiki addizzjonali, peress li l-proposta tal-ĠNT ma kinitx kompluta jew iddettaljata biżżejjed.

99 Sussegwentement, l-ACER qieset, abbażi ta' evalwazzjoni teknika, esposta fil-premessi 12 u 13 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, li kull azzjoni ta'rimedju li kienet, tal-inqas kultant, f'pożizzjoni li tirrimedja l-ksur tal-limiti tal-kurrent fuq element ta' network b'voltaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kV, jiġifieri element ta' network li għandu effett transkonfinali, kellha titqies li għandha hija stess effett transkonfinali, ħlief jekk il-ĠNT jiddeċiedu mod ieħor. Min-naħa l-oħra, l-ACER emendat l-approċċi kwalitattivi u kwantitattivi sabiex tużahom sabiex tidentifika l-ĠNT affettwati mill-attivazzjoni ta' azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali, b'mod partikolari għall-finijiet tal-proċedura ta' attivazzjoni mgħaġġla.

100 Madankollu, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 16 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM) jipprevedi proċedura għall-iżvilupp tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC), li tirrikjedi li l-ĠNT tar-reġjun CORE jiżviluppaw b'mod konġunt proposta ta' metodoloġija tas-sigurtà (ROSC), li tinkludi regoli għad-determinazzjoni tal-effett transkonfinali tal-azzjonijiet korrettivi u tal-ĠNT affettwati minn dawn l-azzjonijiet korrettivi b'mod ġenerali.

101 Għalhekk, il-Bord tal-Appell ma jistax jiġi kkritikat li ma żgurax l-osservanza ta' din id-dispożizzjoni, peress li l-proċedura stabbilita mill-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tipprevedi l-kriterji għall-iżvilupp mill-ĠNT ta' lista ta' elementi tan-network li għandhom effett transkonfinali u għall-identifikazzjoni tal-effett transkonfinali ta' azzjoni korrettiva potenzjali u, barra minn hekk, li hija tipprevedi wkoll regoli speċifiċi dwar l-esklużjoni tal-elementi tan-network kif ukoll azzjonijiet korrettivi li ma għandhomx effett transkonfinali.

102 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi miċħud l-ilment tar-rikorrenti, ibbażat fuq inkompatibbiltà bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata u l-Artikolu 16 tal-metodoloġija għall-analiżi (CSAM).

103 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma rnexxilhiex turi li, billi ma kkonstatax, fid-deċiżjoni kkontestata, ksur tal-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943 u tal-Artikolu 40(1)(d) tad-Direttiva 2019/944, il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi jew żball manifest ta' evalwazzjoni. Konsegwentement, l-ewwel u t-tielet motiv għandhom jiġu miċħuda.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-possibbiltà li jintuża l-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat sabiex jiġu ġestiti l-konġestjonijiet interni jew sabiex jitwettqu kompiti ta' bbilanċjar

104 Fil-kuntest tar-raba' motiv, ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika tal-Polonja, issostni li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata taffettwa l-possibbiltà għall-ĠNT li jużaw il-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat u, b'mod partikolari, il-proċess ta' programmazzjoni integrata li jinsab f'dan il-mudell, peress li, peress li azzjoni ta'rimedju li għandha effett transkonfinali hija attivata, ma huwiex iktar possibbli għalihom li jaċċedu għar-riżorsi ta' produzzjoni kkonċernati u li jimmodifikaw l-istruzzjonijiet ta' produzzjoni waħedhom. Issa, skont ir-rikorrenti, il-proċess ta' programmazzjoni integrata imwettaq fil-kuntest ta' dispaċċ ċentralizzat huwa proċess kontinwu li jibda qabel il-proċess CROSA u li jiġi regolarment imġedded f'ħin reali, peress li ta' spiss jiġi mġedded għal iktar minn ħamsin darba kuljum, filwaqt li jkun hemm biss iterazzjoni ta' kuljum u tliet iterazzjonijiet fl-istess ġurnata fil-proċess CROSA. Billi rrifjuta li jaċċetta tali ksur, il-Bord tal-Appell, skont ir-rikorrenti, wettaq żball ta' liġi u interpreta b'mod żbaljat l-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485 u l-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2019/943.

105 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tagħha, il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tostakola l-użu tal-mudell ta' dispaċċ iċċentralizzat billi ma tippermettilhiex li tiġġestixxi hija stess, fil-Polonja, il-konġestjonijiet, minn naħa, kif ukoll l-ibbilanċjar, min-naħa l-oħra, b'tali mod li hija ma tistax tiżgura s-sigurtà operazzjonali tan-network tagħha. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tispjega li, fil-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat, hija twettaq il-kompiti ta' bbilanċjar flimkien mal-ġestjoni tal-konġestjonijiet fi proċess integrat, filwaqt li fil-mudell ta' dispaċċ deċentralizzat, iż-żewġ proċessi jitwettqu separatament.

106 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti kif ukoll dawk tar-Repubblika tal-Polonja u titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

107 F'dan il-kuntest, l-ACER tikkontesta l-ammissibbiltà tar-raba' motiv, minħabba li huwa bbażat fuq argumenti diġà fformulati b'mod identiku quddiem il-Bord tal-Appell.

108 Preliminarjament, fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-raba' motiv, għandu jitfakkar li r-rikorrenti għandha dritt tikkontesta, quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-raġunament segwit mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, u dan billi tibbaża ruħha, jekk hija tqis li huwa neċessarju, fuq ilmenti diġà invokati quddiem dan il-bord (ara punt 41 iktar 'il fuq). F'dan il-każ, fil-punt 600 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx taffettwa l-possibbiltà għall-ĠNT li jużaw il-mekkaniżmu tal-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat. Bl-istess mod, mill-punt 609 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dan l-istess bord ikkonkluda, b'mod partikolari, li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-proċess CROSA ma kinux jippreġudikaw ir-responsabbiltajiet tal-ĠNT li jirriżultaw mill-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485, billi bbaża ruħu fuq raġunament żviluppat fil-punti 583 sa 608 ta' din l-istess deċiżjoni. Minn dan jirriżulta li l-ilmenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Bord tal-Appell bbaża ruħu fuqhom fid-deċiżjoni kkontestata, huma ammissibbli.

109 Fir-rigward tal-fondatezza tar-raba' motiv, għandu jiġi ppreċiżat li, skont l-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485, l-awtoritajiet kompetenti "jirrispettaw ir-responsabbiltà assenjata lit-TSO rilevanti sabiex jiżguraw is-sigurtà tas-sistema, inkluż kif meħtieġ mil-lġiżlazzjoni nazzjonali". Fir-rigward tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2019/943, dan jirrigwarda

r-responsabbiltà tal-ĠNT f'dak li jikkonċerna d-dispaċċ tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-elettriku u tal-parteċipazzjoni attiva tat-talba, billi jipprevedi li l-imsemmi dispaċċ u l-imsemmija parteċipazzjoni għandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti u, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-paragrafi 2 sa 6 tal-imsemmi artikolu, ibbażati fuq is-suq.

110 Din ir-responsabbiltà tal-ĠNT tista' tiġi implimentata bl-użu tal-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat, iddefinit fil-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 dwar linji gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU 2017, L 312, p. 6) bħala "mudell skedar u ta' dispaċċ fejn l-iskedi ta' ġenerazzjoni u ta' konsum, kif ukoll id-dispaċċ ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u tal-faċilitajiet tad-domanda, fir-rigward tal-faċilitajiet li jistgħu ikunu suġġetti għal dispaċċ, jiġu determinati minn TSO fi ħdan il-proċess integrat għall-iskedar".

111 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li la l-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485, u lanqas l-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2019/943 ma jimplikaw li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC), adottata abbażi tal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485, hija nieqsa minn effett fuq l-attivitajiet tal-ĠNT, li jinkludi l-użu tal-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat imsemmi fl-imsemmija dispożizzjonijiet. Madankollu, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tistax twassal sabiex tiġi evitata r-responsabbiltà espressa tal-ĠNT li jiżguraw is-sigurtà operazzjonali tan-networks tagħhom kif stabbilita, b'mod partikolari, fl-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485.

112 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata għandhiex, kif tallega r-rikorrenti, il-konsegwenza li ċċaħħad lil din tal-aħħar mill-possibbiltà li tuża l-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat għall-ġestjoni tal-konġestjonijiet interni u sabiex twettaq kompiti ta' bbilanċjar, u b'hekk tippreġudika r-responsabbiltà tagħha li tiżgura s-sigurtà tan-network tagħha.

Fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-possibbiltà li jintuża l-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat għall-ġestjoni tal-konġestjonijiet fil-mudell ta' network individwali

113 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ġestjoni tal-konġestjonijiet interni, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-iterazzjonijiet inqas frekwenti tal-proċess CROSA jikkostitwixxu ostakolu għall-iterazzjonijiet iktar frekwenti tal-proċess ta' programmazzjoni integrata, fis-sens tal-punt 19 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2017/2195, peress li ebda emenda ġdida tal-programmi ta' produzzjoni jew ta' konsum ma hija possibbli wara l-iterazzjoni ta' kuljum tal-proċess CROSA, konformement mal-Artikolu 14(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata.

114 F'dan ir-rigward, għandu jiġi miċħud qabel kollox l-ilment tar-rikorrenti li jgħid li, minn naħa, hemm biss iterazzjoni ta' kuljum tal-proċess CROSA u, min-naħa l-oħra, l-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali jistgħu jiġu applikati biss qabel il-proċess CROSA ta' kuljum, filwaqt li l-proċess ta' programmazzjoni integrata huwa, skont ir-rikorrenti, imwettaq iktar minn 50 darba kuljum.

115 Fil-fatt, skont l-Artikolu 31(1) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC), l-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali għandhom jiġu attivati qrib il-ħin reali, u mhux qabel l-iskadenza ta' kuljum tal-proċess CROSA li jibda fis-18:00 fil-jum ta' qabel dak tal-kunsinna.

116 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-ilment tar-rikorrenti li l-kundizzjonijiet tan-network jistgħu jinbidlu malajr ħafna, li jista' jiġi solvut b'mod effikaċi mill-proċess ta' programmazzjoni integrata, għandu jiġi kkonstatat li l-proċess CROSA jipprevedi garanziji suffiċjenti sabiex tiġi żgurata l-osservanza, mill-ĠNT, tal-obbligu tagħhom li jiżguraw is-sigurtà operazzjonali tan-network tagħhom.

117 Għalhekk, l-ewwel nett, huwa previst fl-Artikolu 27(2)(a) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata li, jekk l-attivazzjoni ta' azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali twassal għal preġudizzju għas-sigurtà operazzjonali, il-ĠNT affettwat u l-ĠNT responsabbli għall-attivazzjoni tal-azzjoni korrettiva jistgħu jirrifjutaw l-imsemmija azzjoni. Din l-istess possibbiltà hija prevista fl-Artikolu 27(2)(b) tal-imsemmija metodoloġija, fil-każ fejn din l-istess azzjoni ma tkunx għadha disponibbli, jiġifieri ma tkunx tista' tiġi implimentata iktar.

118 It-tieni nett, l-Artikolu 33 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jipprevedi proċedura ta' attivazzjoni mgħaġġla sabiex jiġi rrimedjat il-ksur tas-sigurtà operazzjonali li huwa identifikat bejn żewġ iterazzjonijiet tal-proċess CROSA, mingħajr ma wieħed ikun jista' jistenna l-maturità li jmiss, kif ukoll il-ksur tas-sigurtà operazzjonali li jiġi identifikat wara l-aktar proċess reċenti tal-CROSA.

119 Il-proċedura ta' attivazzjoni mgħaġġla tikkostitwixxi, għalhekk, proċedura sussidjarja, barra mill-proċess CROSA, li tipprevedi koordinazzjoni iktar ristretta bejn il-ĠNT affettwati mill-azzjonijiet korrettivi li għandhom jiġu attivati sabiex jiġu rrimedjati preġudizzji ġodda għas-sigurtà operazzjonali li ma setgħux jiġu solvuti permezz tal-proċess CROSA. Din il-proċedura tippermetti lill-ĠNT jiżguraw unilateralment is-sigurtà operazzjonali tan-network tagħhom, fil-każ fejn il-proċess CROSA ma jkunx f'pożizzjoni li jidentifika preġudizzju għalihom.

120 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm ukoll lok li jiġi miċħud l-ilment, imqajjem mir-Repubblika tal-Polonja, li l-applikazzjoni tal-proċess CROSA għan-networks b'mudell ta' dispaċċ ċentralizzat tagħti lok għal informazzjoni żbaljata dwar l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jiġu applikati, peress li dan il-proċess ma għandux l-aħħar informazzjoni dwar l-istat tan-network. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-proċess CROSA huwa ineffikaċi, fatt li ma ġiex ipprovat mir-Repubblika tal-Polonja, din tal-aħħar ma wrietx li l-garanziji msemmija fil-punti 116 sa 118 iktar 'il fuq ma humiex xierqa sabiex jippermettu lill-ĠNT jiżguraw is-sigurtà operazzjonali tan-network tagħhom meta l-proċess CROSA ma jkunx f'pożizzjoni li jidentifika preġudizzju għas-sigurtà operazzjonali u li jirrakkomanda soluzzjoni kkoordinata.

121 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' liġi meta kkonstata li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx iċċaħħad lir-rikorrenti mill-possibbiltà li ġġestixxi l-konġestjonijiet fil-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat, b'tali mod li l-Bord tal-Appell la kiser l-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485, u lanqas l-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2019/943.

Fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-possibbiltà li jintuża l-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat sabiex jitwettqu kompiti ta' bbilanċjar

122 Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li l-Bord tal-Appell, fid-deċiżjoni kkontestata, ikkonferma l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata minkejja li dan jipprekludiha milli twettaq il-kompiti ta' bbilanċjar.

123 Madankollu, kif ġustament issostni l-ACER, ir-rikorrenti tista' temenda l-programm ta' produzzjoni ta' unità għall-finijiet ta' bbilanċjar, anki jekk din l-unità hija kkonċernata minn azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali, u dan sal-mument meta din l-azzjoni korrettiva tiġi attivata fuq din l-unità.

124 Ċertament, mill-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament 2017/1485 jirriżulta, essenzjalment, li ĠNT ma jistax "jfassal, iħejji u jattiva" azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali b'mod mhux ikkoordinat, jew saħansitra barra mill-proċess CROSA. Bl-istess mod, mill-Artikolu 35(4) tar-Regolament 2015/1222 jirriżulta li l-ĠNT ma jistgħux "[jaddottaw b'mod unilaterali] u mhux [ikkoordinat]" azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali.

125 Madankollu, il-projbizzjoni li jitwettqu azzjonijiet korrettivi ġodda b'effett transkonfinali wara l-aħħar iterazzjoni tal-proċess CROSA tapplika għall-miżuri ta' ġestjoni tal-konġestjoni mingħajr ma jiġu ippreġudikati l-miżuri meħuda għal skopijiet ta' bbilanċjar.

126 Fil-fatt, kif ġustament issostni l-ACER, anki wara l-iskadenza tal-proċess CROSA, il-proċess ta' programmazzjoni integrata jista' jkompli u jemenda l-programmi ta' produzzjoni u ta' konsum tal-unitajiet ta' produzzjoni, sa fejn dawn l-emendi huma intiżi għall-ibbilanċjar. F'dan ir-rigward, waqt is-seduta, ir-rikorrenti ammettiet li, għalkemm kien diffiċli li ssir distinzjoni bejn il-miżuri ta' dispaċċ mill-ġdid meħuda għall-finijiet tal-ġestjoni tal-konġestjonijiet meħuda għal finijiet ta' bbilanċjar, tali distinzjoni ma kinitx madankollu impossibbli.

127 Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li, minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-unitajiet ta' produzzjoni li fuqhom huma attivati azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali konformement mar-riżultati tal-proċess CROSA, ir-rikorrenti għandha inqas riżorsi minn qabel sabiex twettaq il-kompiti ta' bbilanċjar tagħha, din il-konstatazzjoni waħedha ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485 kif ukoll tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2019/943.

128 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jitfakkar li huwa inerenti għal-loġika ta' koordinazzjoni reġjonali li l-ĠNT ma jistgħux liberament jiddisponu mir-riżorsi kollha tagħhom, sakemm dawn ikollhom effett transkonfinali.

129 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi enfasizzat li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tipprevedi diversi garanziji speċifiċi dwar l-ibbilanċjar. B'mod partikolari, l-imsemmija metodoloġija tipprovdi, fl-Artikolu 25 tagħha, li l-proċess CROSA għandu jiżgura li l-azzjonijiet korrettivi li jkollhom effett transkonfinali ottimizzat ma joħolqux żbilanċi tal-enerġija. Barra minn hekk, kif ġustament issostni l-ACER, skont l-Artikolu 31(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, ĠNT jista', fil-kuntest tal-proċess ta' attivazzjoni mgħaġġla, jitlob l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali ordnat jekk, wara bidliet ta' depożitu li jirriżultaw mill-proċess ta' programmazzjoni integrata, ma jkunx iktar neċessarju li din l-azzjoni tiġi attivata.

130 Konsegwentement, il-Bord tal-Appell ma jistax jiġi kkritikat li kiser il-kompetenzi tal-ĠNT dwar l-użu tal-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat sabiex tiġi żgurata s-sigurtà operazzjonali u l-ibbilanċjar, kif imsemmija fl-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament 2017/1485 kif ukoll fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2019/943.

131 L-ilmenti l-oħra invokati mir-rikorrenti insostenn tar-raba' motiv ma jippermettux li tiġi invalidata din il-konklużjoni.

132 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li, meta kkonferma l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata u l-proċess CROSA, il-Bord tal-Appell ammetta ndħil illegali fil-kompetenza tiegħu sabiex iwettaq kompiti ta' bbilanċjar, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma wrietx kif il-paradigma msejħa "tal-pjanċa tar-ram" tal-mudell tas-suq taż-żona, li jintuża fil-proċess ta' kalkolu tal-kapaċità u li hija tinvoka, hija rilevanti sabiex tiġi evalwata l-legalità tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata. Ir-rikorrenti tispjega, fil-fatt, li l-mudell tas-suq taż-żona applikat fl-Ewropa huwa bbażat fuq il-paradigma tal-pjanċa tar-ram, u tippreċiża li dan ifisser li, fil-perspettiva tas-suq bl-ingrossa, ma teżisti ebda restrizzjoni għall-attivitajiet kummerċjali fi ħdan iż-żona tal-offerti, jiġifieri li ma teżisti ebda restrizzjoni għall-iskambji bejn it-tagħmir ta' produzzjoni u ta' tagħbija li jinsab fl-istess żona tal-offerti, u li l-iskambji bejn iż-żoni ta' preżentazzjoni tal-offerti huma limitati mid-disponibbiltà ta' kapaċitajiet ta' trasport tal-elettriku bejn iż-żoni. Issa, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif il-fatt li l-mudell tas-suq taż-żona applikat fl-Ewropa huwa bbażat fuq din il-paradigma jkollu l-konsegwenza li jipprekludiha milli tuża unitajiet ta' produzzjoni għal kompiti ta' bbilanċjar meta azzjoni korrettiva b'effett transkonfinali tiġi attivata fuq dawn l-unitajiet.

133 Min-naħa l-oħra, il-Bord tal-Appell ma jistax jiġi kkritikat li, fid-deċiżjoni kkontestata, ikkonferma li ċ-ċentri reġjonali setgħu jipparteċipaw fl-operat f'ħin reali tas-sistema tal-elettriku, skont il-premessa 55 tar-Regolament 2019/943. Fil-fatt, mill-funzjonament tal-proċess CROSA jirriżulta li ċ-ċentri reġjonali sempliċement jirrakkomandaw azzjoni ta'rimedju kkoordinata, filwaqt li l-ĠNT jibqgħu l-aħħar responsabbli għall-attivazzjoni ta' din l-azzjoni f'ħin reali, kif jirriżulta mill-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2019/943 kif ukoll mill-Artikolu 78(4) tar-Regolament 2017/1485.

134 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq allegata diskriminazzjoni bejn il-ĠNT li joperaw skont il-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat u dawk li joperaw skont il-mudell ta' dispaċċ deċentralizzat, dan ma tqajjimx la quddiem il-Bord tal-Appell u lanqas fir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, iżda biss fir-replika. Issa, skont l-Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura, il-produzzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża hija pprojbita sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura, fatt li r-rikorrenti ma sostnietx. Konsegwentement, dan l-ilment huwa tardiv u, għaldaqstant, inammissibbli.

135 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma wrietx kif it-trattament ugwali tal-mudelli ta' dispaċċ ċentralizzat u deċentralizzat jikser il-prinċipju ta' trattament ugwali.

136 Fil-fatt, ir-rikorrenti ma tikkontestax li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma tagħmel ebda distinzjoni bejn dawn iż-żewġ mudelli u, għaldaqstant, li huma ttrattati bl-istess mod.

137 Fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-ACER barra minn hekk spjegat, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata kienu japplikaw, bħala prinċipju, bl-istess mod għall-mudelli ta' dispaċċ ċentralizzati u deċentralizzati, peress li kienu jaffettwaw mhux biss il-ġestjoni tal-konġestjoni, iżda wkoll proċessi oħra ta' ġestjoni tan-network. F'dan il-kuntest, l-ACER ippreċiżat li l-ĠNT li joperaw skont mudell ta' dispaċċ deċentralizzat kellhom ukoll jieħdu inkunsiderazzjoni dawn ir-restrizzjonijiet, pereżempju fir-rigward tax-xiri ta' kapaċitajiet ta' bbilanċjar. Għalhekk, il-kapaċità ta' bbilanċjar użata bħala azzjoni korrettiva b'effett transkonfinali ma għadhiex kompletament disponibbli għal finijiet ta' bbilanċjar la għall-ĠNT li joperaw skont il-mudell ta'

dispaċċ deċentralizzat u lanqas għal dawk li joperaw skont il-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat, mingħajr diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-ACER issostni li dawn iż-żewġ mudelli jsegwu l-istess għanijiet, fatt li r-rikorrenti lanqas ma tikkontesta.

138 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et*., C-127/07, EU:C:2008:728, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

139 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, sabiex tipprova diskriminazzjoni, ir-rikorrenti kellha turi li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata kellha impatt differenti fuq il-ġestjoni ta' wieħed minn dawn iż-żewġ mudelli, meta mqabbel mal-ieħor, ħaġa li hija naqset milli tagħmel.

140 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma rnexxilhiex turi li, billi ma kkonstatax, fid-deċiżjoni kkontestata, ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu lill-ĠNT li jkunu jistgħu jużaw il-mudell ta' dispaċċ ċentralizzat sabiex jiġġestixxu l-konġestjonijiet interni jew sabiex iwettqu kompiti ta' bbilanċjar, il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi. Konsegwentement, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell meta dan kkonkluda li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ma kinitx naqset milli tistabbilixxi regoli ekwi fil-qasam tal-iskambji transkonfinali tal-elettriku u li timplimenta inċentivi xierqa għall-ġestjoni tal-konġestjonijiet u tal-investimenti effikaċi għall-azzjonijiet korrettivi marbuta mat-tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet

141 Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell tal-ACER wettaq żball ta' liġi sa fejn ikkonferma l-interpretazzjoni magħmula mill-ACER tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943 u tal-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485, li skontha l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx naqset, minn naħa, milli tistabbilixxi regoli ekwi għall-iskambji transkonfinali tal-elettriku u, min-naħa l-oħra, milli timplimenta inċentivi xierqa, dwar il-ġestjoni tal-konġestjonijiet u l-investimenti, għal azzjonijiet korrettivi relatati mat-tagħmir, bħat-trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet, li jippermettu li tittaffa konġestjoni billi "jġiegħlu" l-bidla mill-elettriku minn linja tal-elettriku kkonġestjonata għal linja tal-elettriku inqas użata.

142 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tosserva li, wara t-tnedija tal-proċess CROSA msemmi fil-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, il-ĠNT ma jistgħux jibqgħu japplikaw b'mod individwali azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali li huma għad-dispożizzjoni tagħhom minħabba l-investimenti li huma wettqu f'ċertu tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet. Il-metodoloġija kkontestata tillimita għalhekk il-possibbiltà għall-ĠNT li jirrikorru individwalment għal azzjonijiet korrettivi li ma jiswewx ħafna flus fil-livell lokali.

143 Ir-rikorrenti tfakkar li l-azzjonijiet korrettivi magħżula sabiex titnaqqas il-konġestjoni fuq ċerti elementi tan-network skont il-proċess CROSA jistgħu jkunu differenti mill-azzjonijiet korrettivi li jikkonċernaw biss konġestjoni lokali jew azzjonijiet korrettivi lokali, u dan joħloq diffikultajiet meta jkun hemm diversi konġestjonijiet simultanji u interdipendenti f'partijiet differenti tal-istess reġjun. L-eżistenza ta' dawn il-konġestjonijiet simultanji hija iktar problematika meta jintużaw trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet, installati sabiex titnaqqas il-konġestjoni fuq element ta' network,

peress li dawn jistgħu, fil-kuntest ta' azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali, ikollhom jintużaw b'mod invers u, skont ir-rikorrenti, kontrointuwittiv, sabiex iżidu l-fluss fuq l-elementi konġestjonati sabiex titnaqqas konġestjoni transkonfinali.

144 Barra minn hekk, ĠNT jista', fil-kuntest ta' azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali, jiġi obbligat japplika soluzzjoni reġjonali li tikkombina miżuri li jużaw it-trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet u miżuri ta' dispaċċ mill-ġdid, li jwassal għal ĠNT għal spejjeż ta' dispaċċ mill-ġdid, minkejja li l-ĠNT seta' juża, mingħajr ħlas, trasformatur li jaqleb il-fażijiet li kien investa fih minn qabel sabiex itaffi konġestjoni fl-elementi tan-network tiegħu. Issa, skont ir-rikorrenti, ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tobbliga lill-ĠNT jaġixxu fl-interess ta' operaturi oħra stabbiliti fi Stati Membri oħra.

145 Ir-rikorrenti tikkonkludi li, minbarra li tikser l-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943 u l-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485, id-deċiżjoni kkontestata, li tikkonferma l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, tmur ukoll kontra l-Artikolu 1(2) tar-Regolament 2019/942, moqri flimkien mal-Artikolu 19 tar-Regolament 2019/943, sa fejn id-Deċiżjoni Nru 33/2020 ma tikkontribwixxix għal applikazzjoni koerenti, effiċjenti u effettiva tad-dritt tal-Unjoni, iżda tikkomplika, jew saħansitra tnaqqas fix-xejn l-isforzi intiżi sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 19 tar-Regolament 2019/943 fir-rigward tal-allokazzjoni tad-dħul mill-konġestjoni għal investimenti li jippermettu li titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnessjonijiet.

146 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li t-tieni motiv jiġi miċħud.

147 F'dan il-kuntest, l-ACER tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ħames motiv, minħabba li dan jirrigwarda l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 33/2020 u mhux id-deċiżjoni kkontestata.

148 Preliminarjament, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ħames motiv, qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti tikkritika lill-Bord tal-Appell li, fid-deċiżjoni kkontestata, wettaq żball ta' liġi meta kkonferma l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943 u tal-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485 magħmula mill-ACER fid-Deċiżjoni Nru 33/2020. Sussegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rikors tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta espressament, insostenn tal-ħames motiv, ċerti punti speċifiċi tad-deċiżjoni kkontestata. Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, fil-punti 643 sa 651 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell spjega r-raġunijiet li għalihom huwa qies li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx tikser l-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943, u lanqas l-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485, b'mod partikolari għaliex hija ma kellhiex bħala konsegwenza li tiskoraġġixxi l-investimenti mwettqa mill-ĠNT f'ċertu tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet. Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-ACER, permezz tal-ħames motiv tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjoni kkontestata u mhux id-Deċiżjoni Nru 33/2020. Għaldaqstant, il-motiv huwa ammissibbli.

149 Fir-rigward tal-fondatezza tal-ħames motiv, minn naħa, għandu jiġi ppreċiżat li l-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943 jistabbilixxi l-għan li jiġu stabbiliti regoli ekwi fil-qasam tal-iskambji transkonfinali tal-elettriku u li l-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485 huwa intiż li jippromwovi l-koordinazzjoni tal-operat tan-network u tal-ippjanar tal-operat.

150 Fir-rigward tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament 2019/942, dan jistabbilixxi lill-ACER l-għan, b'mod partikolari, li tikkontribwixxi għal applikazzjoni koerenti, effikaċi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni, sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din tal-aħħar fil-qasam tal-klima u tal-enerġija. Fir-rigward tal-Artikolu 19 tar-Regolament 2019/943, dan jirregola, essenzjalment, l-allokazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-allokazzjoni tal-kapaċità ta' skambju bejn żoni u jipprovdi, fil-paragrafu 2(b) tiegħu, li l-proċedura ta' allokazzjoni tal-imsemmi dħul hija intiża, b'mod partikolari, li "[t]kopri l-kostijiet li jirriżultaw mill-investimenti fin-networks li huma rilevanti biex tonqos il-konġestjoni tal-interkonnettur".

151 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jista' jkollha l-konsegwenza li tillimita l-possibbiltà għall-ĠNT li jużaw individwalment azzjonijiet korrettivi li ma jiswewx ħafna flus fil-livell lokali, b'mod partikolari fil-każ ta' konġestjonijiet simultanji u interdipendenti f'partijiet differenti tar-reġjun CORE, fatt li l-ACER ma tikkontestax. Madankollu, kif fakkret l-ACER, il-proċess CROSA jista' jbiddel il-konfigurazzjoni ta' trasformatur li jaqleb il-fażijiet biss sabiex isolvi l-konġestjonijiet identifikati fil-mudell tan-network komuni u ma huwiex maħsub biex joħloq konġestjonijiet ġodda jew joħloq mill-ġdid dawk antiki, skont l-Artikolu 23 tal-metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) ikkontestata. Barra minn hekk, il-konġestjonijiet "ikkawżati" mill-applikazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi rakkomandati mill-proċess CROSA, pereżempju l-modifika tal-parametri ta' trasformatur li jaqleb il-fażijiet, huma wkoll solvuti permezz tal-proċess CROSA, b'tali mod li l-ispejjeż tad-dispatching mill-ġdid li kien meħtieġ sabiex jiġu solvuti dawn il-konġestjonijiet huma attribwiti għall-elementi tan-network ikkonġestjonati fil-mudell tan-network komuni.

152 Ulterjorment, hemm lok li jiġi rrilevat li, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, l-ACER irrikonoxxiet li l-proċess CROSA seta' jwassal, għal ĠNT, għal ċerti spejjeż ta' dispaċċ mill-ġdid sabiex itaffu l-konġestjonijiet "ikkawżati", b'mod partikolari, permezz tal-bidla tal-konfigurazzjoni tat-trasformaturi li jaqilbu il-fażijiet rrakkomandati mill-proċess CROSA, meta l-aħjar soluzzjoni fil-livell tar-reġjun CORE kienet teżiġi kemm il-bidla tal-konfigurazzjoni tal-trasformaturi li jaqilbu il-fażijiet kif ukoll azzjonijiet korrettivi li jiswew ħafna flus, bħad-dispatching mill-ġdid. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ġustament issostni li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tista' tiġġenera spejjeż addizzjonali għal ċerti ĠNT, bħar-rikorrenti, li diġà investew f'tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu il-fażijiet.

153 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-ispejjeż addizzjonali li tista', f'ċerti każijiet, toħloq il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, għal ĠNT li jkunu diġà investew f'tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu il-fażijiet, jurux in-natura inġusta tar-regoli stabbiliti minn din il-metodoloġija u jkollhom bħala konsegwenza li jiskoraġġixxu lill-ĠNT milli jinvestu f'dan it-tagħmir, kif tallega r-rikorrenti, sal-punt li jiksru l-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943, l-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485 kif ukoll l-Artikolu 1(2) tar-Regolament 2019/942, moqri flimkien mal-Artikolu 19 tar-Regolament 2019/943.

154 Fir-rigward tan-natura allegatament inġusta tar-regoli stabbiliti mill-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, għandu jiġi kkonstatat li l-ispejjeż li jirriżultaw minħabba l-applikazzjoni tas-soluzzjoni reġjonali magħżula mill-proċess CROSA huma inerenti għall-koordinazzjoni reġjonali u jikkostitwixxu emanazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' solidarjetà fil-qasam tal-enerġija.

155 Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 73 tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Ġermanja vs Il-Polonja (C-848/19 P, EU:C:2021:598), l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà fil-qasam tal-enerġija ma tfissirx li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija ma għandu jkollha, fl-ebda każ, effetti negattivi fuq l-interessi partikolari ta' Stat Membru f'dan il-qasam. Madankollu,

l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jieħdu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' din il-politika, l-interessi kemm tal-Unjoni kif ukoll tad-diversi Stati Membri li jistgħu jkunu kkonċernati u għandhom jibbilanċjaw dawn l-interessi fil-każ ta' kunflitti.

156 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li huma preċiżament l-ispejjeż li jseħħu minħabba l-applikazzjoni tas-soluzzjoni reġjonali li ser jitqassmu bejn il-ĠNT skont il-kontribuzzjoni tagħhom għall-konġestjoni, konformement mal-metodoloġija għat-tqassim tal-ispejjeż adottata abbażi tal-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li wieħed mill-għanijiet tal-proċess CROSA huwa li jsolvi dawn il-konġestjonijiet u preġudizzji oħra għas-sigurtà operazzjonali bl-aqwa rabta bejn l-ispiża u l-effikaċja fil-livell reġjonali.

157 Ulterjorment, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 35 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jipprevedi monitoraġġ, li abbażi tiegħu, jekk jiġi stabbilit li, fil-kuntest tal-proċess CROSA, l-istess ĠNT kien affettwat b'mod regolari jew sistematiku minn spejjeż ogħla, emenda ta' din il-metodoloġija tista' tiġi ġġustifikata, skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament 2017/1485.

158 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li s-sempliċi fatt li ĠNT jista' jsostni spejjeż ogħla minħabba l-koordinazzjoni reġjonali ma jistax ifisser li r-regoli stabbiliti mill-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata huma inġusti u, minħabba f'hekk, li din il-metodoloġija tikser l-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943 jew li ma humiex xierqa sabiex jippromwovu l-koordinazzjoni reġjonali, fis-sens tal-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485.

159 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) ikkontestata tiskoraġġixxi lill-ĠNT milli jinvestu f'tagħmir bħal trasformaturi li jaqilbu il-fażijiet, din ma pprovdiet ebda informazzjoni konkreta dwar l-impatt ekonomiku tal-attribuzzjoni tal-ispejjeż ta' dispaċċ mill-ġdid li jistgħu juru l-eżistenza, minħabba din il-metodoloġija, ta' ostaklu reali għall-investiment f'dan it-tagħmir.

160 Issa, kif enfasizzat l-ACER mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, ĠNT jista' dejjem jibbenefika mill-investiment li huwa wettaq f'tagħmir bħal transformatur li jaqleb il-fażijiet, sa fejn dan it-tagħmir inaqqas l-ispejjeż li huwa għandu jsostni sabiex isolvi l-konġestjonijiet fil-mudell ta' network individwali tiegħu qabel il-bidu tal-proċess CROSA.

161 Sa fejn ma ntweriex, f'dan il-każ, li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tiddiswadi lill-ĠNT milli jinvestu f'tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu il-fażijiet, għandu jiġi miċħud l-ilment tar-rikorrenti, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2019/943, tal-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament 2017/1485 kif ukoll tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament 2019/942, moqri flimkien mal-Artikolu 19 tar-Regolament 2019/943.

162 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma rnexxilhiex turi li l-Bord tal-Appell kien wettaq żball ta' liġi meta kkonkluda li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ma kinitx naqset milli tistabbilixxi regoli ekwi fil-qasam tal-iskambji transkonfinali tal-elettriku u li timplimenta inċentivi xierqa għall-ġestjoni tal-konġestjonijiet u tal-investimenti effikaċi għall-azzjonijiet korrettivi marbuta mat-tagħmir bħat-trasformaturi li jaqilbu l-fażijiet. Konsegwentement, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament 2017/1485, moqrija flimkien mal-Artikolu 25 u l-Artikolu 4(1)(d) u (h) u (2)(e) ta' dan ir-regolament, li

jiggarantixxu l-osservanza tal-limiti tas-sigurtà operazzjonali, b'mod partikolari dawk ta' voltaġġ, fil-livell lokali u reġjonali

163 Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi sa fejn ikkonstata li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx tostakola l-osservanza, mill-ĠNT, tal-limiti tas-sigurtà operazzjonali, b'mod partikolari dawk ta' voltaġġ. Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat li l-imsemmija metodoloġija ma kinitx tmur kontra l-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament 2017/1485, li jirrigwardaw rispettivament il-proposta li għandha tiġi ppreżentata mill-ĠNT għall-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali u d-dispożizzjonijiet komuni dwar l-organizzazzjoni tal-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali li għandha tinkludi din il-proposta, fejn l-imsemmija artikoli għandhom jinqraw flimkien, l-ewwel nett, mal-Artikolu 25 tar-Regolament 2017/1485, li jirrigwarda l-limiti ta' sigurtà operazzjonali li kull ĠNT għandu jistabbilixxi, it-tieni nett, mal-Artikolu 4(1)(d) u (h) tal-imsemmi regolament, li jistabbilixxi, fost l-għanijiet tiegħu, il-fatt, minn naħa, li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għaż-żamma tas-sigurtà operazzjonali fl-Unjoni kollha u, min-naħa l-oħra, li jikkontribwixxi għall-ġestjoni u għall-iżvilupp effikaċi tan-network tat-trażmissjoni tal-elettriku u tas-settur tal-elettriku fl-Unjoni u, it-tielet nett, mal-Artikolu 4(2)(e) tal-istess regolament, li jipprovdi li l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-ġestjonarji tan-network għandhom josservaw ir-responsabbiltà assenjata lill-ĠNT kompetenti sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tan-network, inkluż skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

164 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) ikkontestata ma tagħtix lill-ĠNT il-possibbiltà li jużaw azzjonijiet korrettivi suffiċjenti sabiex jiġġestixxu l-voltaġġ fil-livell lokali, u lanqas liċ-ċentri reġjonali l-possibbiltà li jiġġestixxu l-voltaġġ fil-livell reġjonali.

165 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

166 B'mod partikolari, hija tikkontesta l-ammissibbiltà tas-sitt motiv minħabba li huwa r-replika eżatta ta' motiv diġà fformulat mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell.

167 Preliminarjament, fir-rigward tal-ammissibbiltà tas-sitt motiv, għandu jitfakkar li r-rikorrenti għandha dritt tikkontesta, quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-raġunament segwit mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, u dan billi tibbaża ruħha, jekk hija tqis li huwa neċessarju, fuq ilmenti diġà invokati quddiem dan il-bord (ara punt 41 iktar'il fuq). F'dan il-każ, fil-punti 677 sa 690 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell espona r-raġunijiet li għalihom huwa qies li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx tostakola l-osservanza, mill-ĠNT, tal-limiti tas-sigurtà operazzjonali, b'mod partikolari dawk ta' voltaġġ, u, għaldaqstant, li l-imsemmija metodoloġija ma kinitx tmur kontra l-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament 2017/1485, moqrija flimkien mal-Artikolu 25 u l-Artikolu 4(1)(d) u (h), u (2)(e) tal-imsemmi regolament.

168 Minn dan jirriżulta li l-ilmenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw dawn il-kunsiderazzjonijiet, li wasal għalihom il-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, huma ammissibbli.

Fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali

169 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, kif ġustament issostni ir-rikorrenti, kemm il-ĠNT kif ukoll iċ-ċentri reġjonali huma obbligati josservaw il-limiti ta' voltaġġ. Fil-fatt, dan l-obbligu jirriżulta, fir-rigward tal-ĠNT, mill-Artikolu 27(1) u mill-Artikolu 34(2) tar-Regolament 2017/1485 u, fir-rigward taċ-ċentri reġjonali, mill-Artikolu 78(2)(a)

tar-Regolament 2017/1485, li jimponi fuq l-imsemmija ċentri li jwettqu l-proċess CROSA abbażi tal-limiti tas-sigurtà operazzjonali, kif speċifikati mill-ĠNT konformement mal-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 72 tal-istess regolament.

170 Ta' min jinnota wkoll li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tipprevedi li l-azzjonijiet korrettivi b'effett transkonfinali, li huma kkoordinati miċ-ċentri reġjonali, għandhom l-għan li jnaqqsu l-flussi fuq l-elementi tan-network b'effett transkonfinali. Minn dan isegwi li din il-metodoloġija tiffoka fuq is-soluzzjoni tal-preġudizzju għas-sigurtà operazzjonali fil-forma ta' problemi ta' limitu tal-kurrent, filwaqt li l-ĠNT jibqgħu prinċipalment responsabbli sabiex jiżguraw l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ.

171 Dan it-tqassim tal-obbligi bejn iċ-ċentri reġjonali u l-ĠNT jirriżulta mill-proposta tal-ĠNT. Fil-fatt, mill-paġna 5 tan-nota ta' spjega tal-ĠNT jirriżulta (ara punt 7 iktar 'il fuq) li dawn tal-aħħar ikkunsidraw li l-preġudizzji l-oħrajn għas-sigurtà operazzjonali, bħal-limiti ta' voltaġġ u tal-kurrent ta' ċirkwit qasir imsemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament 2017/1485, jistgħu jitnaqqsu aħjar fil-livell lokali.

172 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali li huma s-suġġett tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, minn naħa, u l-azzjonijiet korrettivi sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali, min-naħa l-oħra, jistgħu jkunu f'kunflitt, peress li tal-ewwel jirrigwardaw it-tnaqqis tal-flussi, filwaqt li tat-tieni jistgħu jeħtieġu ż-żieda tagħhom. Ir-rikorrenti żżid li dan il-"kunflitt" ma tteħidx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti mill-metodoloġija ta' sigurtà (ROSC) ikkontestata.

173 Issa, il-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata tipprevedi diversi garanziji, fil-proċess CROSA, li huma intiżi preċiżament sabiex jiżguraw l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ permezz tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali adottati wara dan il-proċess.

174 Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 22(4) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, sabiex jiġi rrimedjat il-ksur tal-limiti ta' sigurtà operazzjonali, bħall-qbiż tal-limiti ta' voltaġġ, ta' kurrent ta' ċirkwit qasir jew ta' stabbiltà, huwa previst li kull ĠNT tar-reġjun CORE għandu jwettaq evalwazzjoni lokali u analiżi tas-sigurtà operazzjonali fit-tul. B'mod partikolari, tali ksur jista' jiġi indirizzat fil-kuntest tal-proċess CROSA, matul il-fażi ta' koordinazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi li jkollhom effett transkonfinali kif imsemmi fl-Artikolu 27 ta' dik il-metodoloġija, b'mod partikolari billi jiġu applikati restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-azzjonijiet korrettivi li jkollhom effett transkonfinali.

175 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tallega li l-Artikolu 27 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jipprevedi biss possibbiltà, u mhux obbligu, li dan il-ksur tal-limiti ta' voltaġġ jiġi ttrattat fil-kuntest tal-proċess CROSA. Issa, peress li din il-possibbiltà taqa' fuq il-ĠNT, dan jista', għalhekk, jiżgura li l-imsemmi proċess josserva l-limiti ta' voltaġġ fin-network tiegħu.

176 Fit-tieni lok, l-Artikolu 22(5) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jipprevedi li l-ĠNT jistgħu japplikaw restrizzjonijiet ta' sistema addizzjonali, li jirriflettu limiti oħra ta' sigurtà operazzjonali msemmija fil-paragrafu 4 tal-istess artikolu, jiġifieri l-limiti ta' voltaġġ intiżi sabiex il-proċess CROSA, sa fejn jimmassimizza l-azzjonijiet korrettivi, ma joħloqx ksur ġdid ta' sigurtà operazzjonali sottostanti jew ma jaggravax dan il-ksur. Madankollu, il-proċess CROSA ma għandux isolvi dan il-ksur sottostanti, li għandu jiġi solvut skont l-Artikolu 22(4) tal-imsemmija metodoloġija.

177 Minkejja li r-rikorrenti tinvoka din l-aħħar dispożizzjoni insostenn tal-argument tagħha li l-azzjonijiet korrettivi kkoordinati mill-proċess CROSA ma jistgħux jintużaw sabiex jissolvew il-ksur tal-limiti ta' voltaġġ, hija ma turix li din tipprekludi lill-ĠNT milli jsolvu l-ksur tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 22(5) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jiżgura li l-azzjonijiet korrettivi li jkollhom effett transkonfinali ma jostakolawx il-possibbiltà għall-ĠNT li jsolvu l-ksur tal-limiti ta' voltaġġ. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma turix kif l-Artikolu 22(5) tal-imsemmija metodoloġija ma jippermettix lill-ĠNT li jiżguraw l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali, minn naħa, u lanqas għaliex l-imsemmija metodoloġija għandha tipprevedi l-istabbiliment tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali sabiex jiġi solvut il-ksur tal-limiti ta' voltaġġ, min-naħa l-oħra.

178 Fit-tielet lok, l-Artikolu 27(2) u (5) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jipprevedi l-possibbiltà taċ-ċaħda, mill-ĠNT affettwat, ta' azzjoni korrettiva li għandha effett transkonfinali rrakkomandat mill-proċess CROSA, għar-raġuni li l-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni twassal għal ksur tas-sigurtà operazzjonali fuq in-network tagħha. F'dan ir-rigward, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li din id-dispożizzjoni ma tippermettix lill-ĠNT jiżguraw l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali, għar-raġuni li hija tipprevedi biss il-possibbiltà li tiġi miċħuda azzjoni korrettiva, iżda mhux li jiddefinixxu jew jirrakkomandaw tali azzjoni sabiex jiġu solvuti problemi ta' voltaġġ. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma turix kif l-imsemmija dispożizzjoni ma tippermettix lill-ĠNT jiżguraw l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali.

179 Fir-raba' lok, l-Artikolu 16(4) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jipprevedi l-possibbiltà għall-ĠNT li jikkompletaw din il-metodoloġija b'dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet tan-network, sabiex jirrimedjaw, b'mod partikolari u jekk neċessarju, l-qbiż tal-limiti ta' voltaġġ.

180 Minn dan isegwi li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata għandha l-għan li tieħu inkunsiderazzjoni l-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-ĠNT fil-livell lokali fil-proċess CROSA, mingħajr madankollu ma teżiġi l-koordinazzjoni tagħhom fil-livell reġjonali.

181 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma wrietx b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-garanziji eżaminati fil-punti 175 sa 180 iktar 'il fuq ma kinux suffiċjenti sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell lokali mill-ĠNT.

182 Fi kwalunkwe każ, is-sempliċi fatt li r-rikorrenti ma tistax iktar tuża ċerti azzjonijiet korrettivi sabiex tiżgura l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fuq in-network tagħha, peress li dawn il-miżuri huma rriżervati għall-proċess CROSA, ma huwiex biżżejjed sabiex juri l-impossibbiltà li tinsab fiha li tiżgura s-sigurtà operazzjonali fuq l-imsemmi network. Fil-fatt, xejn ma jiġġustifika li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) tipprevedi l-użu tar-restrizzjonijiet minimi ta' fluss ta' potenza u tal-indisponibbiltajiet ippjanati, peress li dawn huma miżuri li jaqgħu fuq il-ĠNT fil-livell lokali.

183 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lill-Bord tal-Appell li, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, ikkonferma metodoloġija li ma tagħtix lill-ĠNT il-possibbiltà li jużaw azzjonijiet korrettivi suffiċjenti sabiex jiġġestixxu l-voltaġġ fil-livell lokali.

Fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell reġjonali

184 Fir-rigward tal-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-osservanza tal-limiti ta' voltaġġ fil-livell reġjonali, l-ewwel nett, ir-rikorrenti ma tipproduċi ebda element sabiex issostni l-affermazzjoni li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) għandha, b'mod ġenerali, tipprevedi l-possibbiltà li jiġu ddefiniti azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali u r-restrizzjonijiet tas-sistema neċessarji sabiex jittaffa l-ksur tal-limiti ta' voltaġġ.

185 Barra minn hekk, l-ACER enfasizzat, fil-punt 95 tal-kontroreplika, li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata kienet diġà tinkludi ċerti azzjonijiet korrettivi sabiex jiġu solvuti l-problemi ta' voltaġġ li għandhom effett transkonfinali, peress li ċerti azzjonijiet korrettivi użati sabiex jissolvew il-ksur tal-limitu ta' voltaġġ fil-livell reġjonali setgħu wkoll jiġu kklassifikati bħala azzjonijiet li għandhom effett transkonfinali li għandhom jiġu kkoordinati skont l-imsemmija metodoloġija.

186 It-tieni, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-indisponibbiltajiet ippjanati, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm l-Artikolu 8 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata jeskludi li l-azzjonijiet korrettivi msemmija fl-Artikolu 22(1)(d), (h), (i) u (j) tar-Regolament 2017/1485 jistgħu jintużaw fil-kuntest tal-proċess CROSA, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-indisponibbiltajiet ippjanati, imsemmija fl-Artikolu 22(1)(a) ta' dan ir-regolament, li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, jistgħu jiġu previsti fil-kuntest ta' dan il-proċess.

187 Fir-rigward, barra minn hekk, tar-restrizzjonijiet minimi ta' fluss ta' potenza, għandu jiġi rrilevat li, kif indikat l-ACER, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, la l-Artikolu 75 tar-Regolament 2017/1485 u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni ma jimponu l-inklużjoni ta' tali azzjoni fil-kuntest tal-proċess CROSA. Fi kwalunkwe każ, din ir-restrizzjoni minima tista' tiġi prevista minn kwalunkwe ĠNT individwali fil-mudell tan-network individwali tiegħu.

188 It-tielet, sa fejn ir-rikorrenti tallega li l-garanziji eżaminati fil-punti 175 sa 180 iktar 'il fuq ma jiżgurawx koerenza perfetta bejn l-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali, li jirrigwardaw il-ksur tal-limiti tal-kurrent, u l-azzjonijiet korrettivi lokali, użati sabiex jittaffew il-problemi ta' voltaġġ fil-livell lokali, għandu jiġi osservat li ebda waħda mid-dispożizzjonijiet li hija tinvoka, jiġifieri l-Artikolu 25, l-Artikolu 34(2), l-Artikolu 72 u l-Artikolu 76 tar-Regolament 2017/1485, ma tippermetti li jiġi konkluż li tali sitwazzjoni hija illegali.

189 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lill-Bord tal-Appell li, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, ikkonferma metodoloġija li ma tipprovdix liċ-ċentri reġjonali azzjonijiet korrettivi suffiċjenti sabiex jiġġestixxu l-voltaġġ fil-livell reġjonali.

190 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma rnexxilhiex turi li, billi qies, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx tostakola, fil-livell lokali u reġjonali, l-osservanza tal-limiti ta' sigurtà operazzjonali, b'mod partikolari dawk ta' voltaġġ, u, għaldaqstant, li l-imsemmija metodoloġija ma kinitx tmur kontra l-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament 2017/1485, moqrija flimkien mal-Artikolu 25 u l-Artikolu 4(1)(d) u (h) u (2)(e) ta' dan ir-regolament, il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi. Għaldaqstant, is-sitt motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

191 Ir-rikorrenti tallega li l-Bord tal-Appell ma mmotivax suffiċjentement id-deċiżjoni kkontestata, u b'hekk kiser l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 28(4) tar-Regolament 2019/942. Insostenn ta' din l-allegazzjoni, ir-rikorrenti tiċċita ħames eżempji ta' evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata li, fil-fehma tagħha, ma humiex suffiċjentement motivati u ġuridikament diskutibbli. B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti tirreferi għall-punti 556, 559, 574, 605 u 644 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija tindika li kkontestat b'mod iktar żviluppat fid-diversi motivi tagħha.

192 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

193 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li jista' jkollhom id-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att li jingħataw spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni ta' jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tiegħu, iżda wkoll f'dak tal-kuntest tiegħu kif ukoll f'dak tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-501/00, EU:C:2004:438, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-29 ta' Ġunju 2017, E-Control vs ACER, T-63/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:456, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

194 Madankollu, ma jistax jiġi meħtieġ minn Bord tal-Appell li jipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet quddiemu. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita bil-kundizzjoni li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom ġiet adottata d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell u tagħmilha possibbli li l-qorti kompetenti jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, E-Control vs ACER, T-63/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:456, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan jirriżulta li ma jistax jiġi rikjest mill-Bord tal-Appell li huwa jeżamina u jimmotiva espliċitament iċ-ċaħda ta' kull wieħed mill-argumenti mressqa fil-kuntest ta' proċedura mibdija quddiemu.

195 Għandu jitfakkar ukoll li l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress illi din taqa' taħt il-legalità fuq il-mertu tal-att inkwistjoni. Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tikkonsisti fl-espressjoni formali tal-motivi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni. Jekk dawn il-motivi huma vvizjati bi żbalji, dawn jivvizzjaw il-legalità fuq il-mertu tad-deċiżjoni, iżda mhux il-motivazzjoni tagħha, li tista' tkun suffiċjenti filwaqt li jkunu espressi motivi żbaljati (ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 181 u l-ġurisprudenza ċċitata).

196 Minn dan jirriżulta li l-eżempji ta' evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Appell li r-rikorrenti tqis li huma "ġuridikament diskutibbli" huma kompletament irrilevanti sa fejn huma insostenn tat-tieni motiv tagħha, ibbażat fuq allegat nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

197 B'din ir-riżerva, huwa fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 193 sa 195 iktar' il fuq li għandhom jiġu eżaminati d-diversi eżempji ta' evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Appell iċċitati mir-rikorrenti insostenn ta' dan il-motiv.

198 L-ewwel nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell ma rrispondiex, fil-punt 556 tad-deċiżjoni kkontestata, għall-ilment li hija kienet qajmet quddiemu bbażat fuq il-fatt li d-definizzjoni tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali użat fil-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma kinitx tosserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/1485, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti 552 sa 558 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell espona r-raġunijiet li għalihom id-distinzjoni bejn l-azzjonijiet korrettivi li għandhom effett transkonfinali u dawk li ma għandhomx, imwettqa fl-Artikolu 9 tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata, kienet tosserva din id-dispożizzjoni.

199 It-tieni nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell ma analizzax, fil-punt 559 tad-deċiżjoni kkontestata, il-konformità tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata mad-dritt tal-Unjoni, peress li huwa ma spjegax kif din il-metodoloġija kienet tosserva l-proposta tal-ĠNT, għandu jiġi kkonstatat li, fl-imsemmi punt, il-Bord tal-Appell spjega r-raġunijiet li għalihom din il-metodoloġija kienet konformi ma' din il-proposta u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 10(1) tagħha.

200 Fi kwalunkwe każ, mill-evalwazzjonijiet ifformulati, fil-punt 46 iktar 'il fuq, fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv, jirriżulta li l-ACER ma hijiex marbuta bil-pożizzjoni meħuda mill-ARN kompetenti u li hija tista', fid-dawl tas-setgħat ta' deċiżjoni mogħtija lilha u bl-għan li twettaq il-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effikaċi, temenda l-proposti tal-ĠNT qabel l-approvazzjoni tagħhom. Minn dan isegwi li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata setgħet, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, titbiegħed mill-proposti tal-ĠNT, bil-konsegwenza li l-Bord tal-Appell ma kienx obbligat jispjega f'iktar dettall kif din il-metodoloġija kienet tosserva l-imsemmija proposti.

201 It-tielet nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell, fil-punt 574 tad-deċiżjoni kkontestata, ma weġibx għall-ilment tagħha li l-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ċċaħħad lill-ĠNT mill-għodod li jippermettulhom jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom fil-qasam tas-sigurtà operazzjonali u tal-ġestjoni tal-flussi, għandu jiġi kkonstatat li r-raġunament tal-Bord tal-Appell, f'dan ir-rigward, huwa żviluppat fil-punti 553 sa 559 u 568 sa 573 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dawn tal-aħħar, il-Bord tal-Appell jispjega, essenzjalment, li l-azzjonijiet korrettivi kollha ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata u li ċerti azzjonijiet jistgħu dejjem jiġu attivati b'mod individwali mill-ĠNT sabiex jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom fir-rigward tal-operat tan-network tagħhom.

202 Ir-raba' nett, fir-rigward, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-konklużjonijiet tal-Bord tal-Appell, fil-punt 605 tad-deċiżjoni kkontestata, huma "sempliċement żbaljati", peress li l-Artikolu 37(2) tal-metodoloġija tas-sigurtà (ROSC) ikkontestata ma jipprevedix evalwazzjoni reġjonali kkoordinata tas-sigurtà operazzjonali fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti tikkontesta, minnha, il-fondatezza tar-raġunament żviluppat mill-imsemmi bord fil-punt 605 tad-deċiżjoni kkontestata u mhux il-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni. Konsegwentement u fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 195 iktar 'il fuq, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala irrilevanti insostenn ta' dan il-motiv.

203 Il-ħames nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell jissuġġerixxi, fil-punt 644 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti topponi l-koordinazzjoni reġjonali, filwaqt li dan ma huwiex il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fir-realtà, ir-rikorrenti tikkontesta wkoll, permezz tagħha, il-fondatezza ta' din l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell u mhux il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fatt li barra minn hekk ir-rikorrenti ammettiet, fir-replika, billi indikat li l-"ħames eżempju [li hija tiċċita] jirrifletti diverġenza ta' opinjonijiet bejn il-partijiet iktar milli assenza ta' motivazzjoni". Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 195 iktar 'il fuq, dan l-ilment ma huwiex, għaldaqstant, rilevanti insostenn ta' dan il-motiv.

204 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Bord tal-Appell immotiva suffiċjentement id-deċiżjoni kkontestata, b'tali mod li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

205 Mill-evalwazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikors tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

206 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-ACER.

207 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Ir-Repubblika tal-Polonja, li intervjeniet, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti, għandha għalhekk tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Polskie sieci elektroenergetyczne S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER).**

3) **Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Schalin Škvařilová-Pelzl Nõmm

Steinfatt Kukovec

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Settembru 2024.

Firem

[i] Fl-isem tal-konvenut, fl-introduzzjoni u fid-dispożittiv, saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.